Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2023/0404(COD)

6.2.2024

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi riżerva ta' talent tal-UE
(COM(2023)0716 – C9-0413/2023 – 2023/0404(COD))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Abir Al-Sahlani

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit.
Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....5

NOTA SPJEGATTIVA.....72

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM.....74

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi riżerva ta' talent tal-UE
(COM(2023)0716 – C9-0413/2023 – 2023/0404(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0716),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 79(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0413/2023),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ...[1],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ta' ...[2],

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9 0000/2022),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jistieden lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Unjoni u l-Istati Membri individwali qed jiffaċċjaw nuqqasijiet	(1) L-Unjoni u l-Istati Membri individwali qed jiffaċċjaw nuqqasijiet

[1] Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.
[2] Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

f'firxa wiesgħa ta' setturi u impjiegi, inkluż f'dawk rilevanti għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. In-nuqqasijiet estensivi fil-kostruzzjoni, fil-kura tas-saħħa, fl-ospitalità, fit-trasport, fit-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u fit-teknoloġija tax-xjenza, fl-inġinerija u fil-matematika, ilhom jeżistu u ġew aggravati mill-pandemija tal-COVID-19 u mill-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. In-nuqqas ta' ħaddiema huwa mistenni li jippersisti u potenzjalment jaggrava fid-dawl tal-isfidi demografiċi.

f'firxa wiesgħa ta' setturi u impjiegi, inkluż f'dawk rilevanti għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. ***Huwa evidenti li l-livelli kollha ta' ħiliet huma meħtieġa sabiex jiġi solvut in-nuqqas ta' ħaddiema.*** In-nuqqasijiet estensivi fil-kostruzzjoni, fil-kura tas-saħħa, fl-ospitalità, fit-trasport, fit-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u fit-teknoloġija tax-xjenza, fl-inġinerija u fil-matematika, ilhom jeżistu u ġew aggravati mill-pandemija tal-COVID-19 u mill-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. In-nuqqas ta' ħaddiema huwa mistenni ***wkoll*** li jippersisti u potenzjalment jaggrava fid-dawl tal-isfidi demografiċi. ***Barra minn hekk, it-tibdil fil-klima jaffettwa x-xejriet tal-migrazzjoni u jixpruna l-fatturi ta' spinta. Peress li l-migrazzjoni hija fenomenu naturali li dejjem se jeżisti, huwa meħtieġ approċċ Ewropew komuni għall-migrazzjoni tal-ħaddiema biex jiġu żgurati aktar rotot legali lejn il-kontinent tagħna. L-attraenza u l-ftuħ tal-Unjoni se jiddeterminaw sa liema punt l-Unjoni tista' tikkompeti globalment għat-talent, filwaqt li tippromwovi u tħares l-istandards internazzjonali tax-xogħol.***

Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) L-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema jeħtieġ approċċ komprensiv fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni li jinkludi, bħala prijorità, l-isfruttar aħjar tal-potenzjal sħiħ ta' gruppi b'parteċipazzjoni aktar baxxa fis-suq tax-xogħol, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol eżistenti, l-iffaċilitar tal-mobilità tal-ħaddiema intra-UE, kif ukoll it-titjib tal-	(2) L-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema jeħtieġ approċċ komprensiv fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni li jinkludi, bħala prijorità, l-isfruttar aħjar tal-potenzjal sħiħ ta' gruppi b'parteċipazzjoni aktar baxxa fis-suq tax-xogħol, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol eżistenti, l-iffaċilitar tal-mobbiltà tal-ħaddiema intra-UE, kif ukoll it-titjib tal-

kundizzjonijiet tax-xogħol u l-attraenza ta' ċerti impjiegi. Minħabba l-iskala attwali tan-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol u x-xejriet demografiċi, il-miżuri li jimmiraw lejn il-forza tax-xogħol domestika u tal-Unjoni weħidhom ***x'aktarx ma jkunux*** biżżejjed biex jindirizzaw in-nuqqasijiet eżistenti u futuri ta' ħaddiema u ta' ħiliet. Għalhekk, il-migrazzjoni legali hija essenzjali biex tikkomplementa dawk l-azzjonijiet u trid tkun parti mis-soluzzjoni biex tappoġġa bis-sħiħ it-tranżizzjoni doppja.

kundizzjonijiet tax-xogħol u l-attraenza ta' ċerti impjiegi. ***Madankollu,*** minħabba l-iskala attwali tan-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol u x-xejriet demografiċi, il-miżuri li jimmiraw lejn il-forza tax-xogħol domestika u tal-Unjoni weħidhom ***mhux se jkunu*** biżżejjed biex jindirizzaw in-nuqqasijiet eżistenti u futuri ta' ħaddiema u ta' ħiliet. ***Il-Kummissjoni Ewropea tistma li minħabba t-tnaqqis previst fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol, se jkunu meħtieġa mill-inqas 7 miljun persuna oħra fl-Ewropa sal-2030[3a].*** Għalhekk, il-migrazzjoni legali hija essenzjali biex tikkomplementa dawk l-azzjonijiet u trid tkun parti mis-soluzzjoni biex tappoġġja bis-sħiħ it-tranżizzjoni doppja ***u tiżgura l-kwalità kontinwa tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali u t-tkabbir ekonomiku***.

3a Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni, "Employment and social developments in Europe 2023", Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023, https://data.europa.eu/doi/10.2767/089698

Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Sabiex jiġi ffaċilitat ir-reklutaġġ internazzjonali u jiġu pprovduti opportunitajiet għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi biex jaħdmu f'okkupazzjonijiet ***nieqsa mill-ħaddiema*** fl-UE kollha, jenħtieġ li tiġi stabbilita Riżerva ta' Talent tal-UE fil-forma ta' pjattaforma għall-Unjoni kollha ***li tiġbor flimkien*** u ***tappoġġa*** t-tqabbil tal-profili tal-persuni ***rreġistrati*** li qed ifittxu impjieg minn	(3) Sabiex jiġi ffaċilitat ir-reklutaġġ internazzjonali u jiġu pprovduti opportunitajiet għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi biex jaħdmu f'okkupazzjonijiet ***b'nuqqas ta' ħaddiema*** fl-UE kollha, ***huwa kruċjali li jiġi żgurat ambjent ta' akkoljenza u ftuħ għall-migranti tax-xogħol bħala żieda komplementari u ta' benefiċċju reċiproku għall-forza tax-xogħol domestika. Dan jinvolvi li l-***

pajjiżi terzi residenti barra mill-Unjoni u l-postijiet tax-xogħol vakanti ta' impjegaturi stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti.

migranti prospettivi jiġu offruti pakkett sħiħ f'termini ta' servizzi ta' wara l-wasla, bħall-appoġġ għall-integrazzjoni, l-iżvilupp tal-ħiliet, l-infrastruttura, ir-riunifikazzjoni tal-familja, il-kura tat-tfal u l-kura tas-saħħa, kif ukoll sforzi ġenwini mill-Istati Membri biex jiġġieldu sentimenti ksenofobiċi. Dan jinvolvi wkoll it-trawwim ta' prattiki ta' reklutaġġ ġusti f'konformità mal- "Prinċipji ġenerali u l-linji gwida operazzjonali għal reklutaġġ ġust u definizzjoni ta' tariffi ta' reklutaġġ u kostijiet relatati" tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) (Prinċipji Ġenerali u Linji Gwida Operazzjonali dwar ir-Reklutaġġ Ġust) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO). Bħala parti minn dan il-pakkett biex jiġi ffaċilitat it-tlaqqigħ internazzjonali, jiġu promossi prattiki ġusti ta' reklutaġġ u tissaħħaħ il-protezzjoni tal-ħaddiema migranti, jenħtieġ li tiġi stabbilita Riżerva ta' Talent tal-UE fil-forma ta' pjattaforma għall-Unjoni kollha***. L-implimentazzjoni tagħha se tkun obbligatorja għall-Istati Membri iżda l-użu tagħha se jkun volontarju għall-impjegaturi u għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. Il-pjattaforma se tgħin biex tqarreb u tappoġġja*** t-tqabbil tal-profili tal-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi residenti barra mill-Unjoni u l-postijiet tax-xogħol vakanti ta' impjegaturi stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti.

Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-perkorsi legali għall-protezzjoni fl-UE[4] tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jistabbilixxu u jappoġġaw	(4) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-perkorsi legali għall-protezzjoni fl-UE[4] tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jistabbilixxu u jappoġġjaw

perkorsi tax-xogħol komplementari għal dawk li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali[5]. Ir-Riżerva ta' Talent tal-UE ***tista'*** tappoġġa ***wkoll*** l-operazzjonalizzazzjoni tal-perkorsi komplementari.

perkorsi tax-xogħol komplementari għal dawk li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali[5]. ***Rakkomandazzjonijiet simili ġew adottati wkoll mill-Parlament Ewropew.[4a]*** Ir-Riżerva ta' Talent tal-UE ***se*** tappoġġja l-operazzjonalizzazzjoni tal-perkorsi komplementari ***u l-migrazzjoni legali tal-ħaddiema. Billi tallinja mal-Prinċipji Ġenerali u l-Linji Gwida Operazzjonali tal-ILO dwar ir-Reklutaġġ Ġust, ir-Riżerva ta' Talent tal-UE tikkontribwixxi wkoll għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), b'mod partikolari l-SDG 8 biex tippromwovi t-tkabbir ekonomiku inklużiv u sostenibbli, l-impjiegi u x-xogħol deċenti għal kulħadd, u l-SDG 10 biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi fil-pajjiżi u bejniethom. Dan huwa partikolarment importanti peress li l-migranti tax-xogħol jiffaċċjaw sitwazzjoni aktar prekarja miċ-ċittadini tal-UE fis-suq tax-xogħol Ewropew. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lis-sitwazzjoni tal-ħaddiema migranti nisa li jistgħu jkunu aktar vulnerabbli fis-suq tax-xogħol meta mqabbla mal-ekwivalenti rġiel tagħhom. Informazzjoni mtejba u servizzi ta' appoġġ aċċessibbli permezz tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jistgħu għalhekk jgħinu biex jinżammu s-salvagwardji kontra d-diskriminazzjoni tal-ħaddiema migranti fl-Ewropa. Fl-istess ħin, ir-Riżerva ta' Talent tal-UE hija parti essenzjali u konkreta tat-twettiq tas-Sena Ewropea tal-Ħiliet, li minnha r-raba' pilastru huwa dwar l-attrazzjoni ta' persuni minn barra l-UE bil-ħiliet meħtieġa.***

[4] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1364 tat-23 ta' Settembru 2020 dwar mezzi legali għall-protezzjoni fl-UE: il-promozzjoni tar-risistemazzjoni, l-ammissjoni umanitarja u mezzi komplementari oħra.

[4] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1364 tat-23 ta' Settembru 2020 dwar mezzi legali għall-protezzjoni fl-UE: il-promozzjoni tar-risistemazzjoni, l-ammissjoni umanitarja u mezzi komplementari oħra.

[4a] Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2021 dwar rotot ġodda għall-migrazzjoni legali tal-ħaddiema

(P9_TA(2021)0260); Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2021 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-politika u l-liġi dwar il-migrazzjoni legali (P9_TA(2021)0472).

[5] "Perkorsi komplementari" huma mezzi sikuri u regolati għal persuni li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali li jikkumplimentaw ir-risistemazzjoni billi jipprovdu soġġorn legali f'pajjiż terz fejn il-ħtiġijiet ta' protezzjoni internazzjonali tagħhom huma ssodisfati. Il-perkorsi tax-xogħol komplementari jippermettu lill-persuni li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali biex jaċċessaw il-perkorsi eżistenti tal-migrazzjoni tax-xogħol, jutilizzaw il-ħiliet tagħhom, u jgħinu biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema fil-pajjiżi riċeventi. Ara wkoll: https://www.unhcr.org/complementary-pathways.html.

[5] "Perkorsi komplementari" huma mezzi sikuri u regolati għal persuni li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali li jikkumplimentaw ir-risistemazzjoni billi jipprovdu soġġorn legali f'pajjiż terz fejn il-ħtiġijiet ta' protezzjoni internazzjonali tagħhom huma ssodisfati. Il-perkorsi tax-xogħol komplementari jippermettu lill-persuni li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali biex jaċċessaw il-perkorsi eżistenti tal-migrazzjoni tax-xogħol, jutilizzaw il-ħiliet tagħhom, u jgħinu biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema fil-pajjiżi riċeventi. Ara wkoll: https://www.unhcr.org/complementary-pathways.html.

Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE jkollha l-għan li tappoġġa lill-Istati Membri ***parteċipanti*** biex jindirizzaw in-nuqqasijiet eżistenti u futuri ta' ħaddiema u ta' ħiliet permezz tar-reklutaġġ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, sa fejn l-attivazzjoni tal-forza tax-xogħol domestika u l-mobilità intra-UE ma jkunux biżżejjed biex jintlaħaq dan l-objettiv. ***Bħala għodda volontarja biex tiffaċilita r-reklutaġġ internazzjonali, jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE toffri appoġġ addizzjonali fil-livell tal-Unjoni lill-Istati Membri interessati.*** Għal dan il-għan, ***jenħtieġ*** li ***jiġu żgurati l-komplementarjetà u l-***	(5) ***Peress li n-nuqqas ta' ħaddiema huwa problema għall-Unjoni kollha, jibbenefika minn approċċ strateġiku u unifikat. Sabiex isir użu mill-ekonomiji ta' skala u tiġi permessa l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, ir-Riżerva ta' Talent tal-UE jenħtieġ li tiġi implimentata mill-Istati Membri kollha. L-implimentazzjoni fl-UE kollha se tikkontribwixxi wkoll għal aktar prevedibbiltà u ċertezza legali kemm għall-persuni li qed ifittxu impjieg kif ukoll għall-impjegaturi.*** Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE jkollha l-għan li tappoġġja lill-Istati Membri biex jindirizzaw in-nuqqasijiet eżistenti u futuri

interoperabilità mal-inizjattivi u l-pjattaformi nazzjonali eżistenti. Jenħtieġ li l-ħtiġijiet speċifiċi tal-Istati Membri jitqiesu fl-iżvilupp tar-Riżerva ta' Talent tal-UE sabiex tiġi żgurata ***l-usa' parteċipazzjoni*** possibbli. B'hekk, "Talent" huwa terminu komprensiv li jirreferi għall-firxa sħiħa ta' ħiliet li jistgħu jkunu meħtieġa mis-swieq tax-xogħol tal-Istati Membri.

ta' ħaddiema u ta' ħiliet permezz tar-reklutaġġ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, sa fejn l-attivazzjoni tal-forza tax-xogħol domestika u l-mobbiltà intra-UE ma jkunux biżżejjed biex jintlaħaq dan l-objettiv. Għal dan il-għan, ***il-komplementarjetà u l-interoperabbiltà mal-inizjattivi u l-pjattaformi nazzjonali eżistenti se jiġu żgurati***, ***waqt*** li ***l-istrutturi nazzjonali eżistenti ma jiġux sostitwiti***. Jenħtieġ li l-ħtiġijiet speċifiċi tal-Istati Membri jitqiesu fl-iżvilupp tar-Riżerva ta' Talent tal-UE sabiex tiġi żgurata ***l-aktar implimentazzjoni b'suċċess*** possibbli ***billi, pereżempju, ma tiġix affettwata l-kompetenza tal-Istati Membri li jiddeterminaw il-volumi ta' ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jiġu biex jaħdmu***. B'hekk, "Talent" huwa terminu komprensiv li jirreferi għall-firxa sħiħa ta' ħiliet li jistgħu jkunu meħtieġa mis-swieq tax-xogħol tal-Istati Membri. ***Peress li enfasi kkonċentrata fuq persuni b'ħiliet għolja tirriskja li taggrava n-nuqqas ta' ħaddiema, billi tinjora l-ħtiġijiet reali tal-Unjoni u tal-Istati Membri differenti, ir-Riżerva ta' Talent tal-UE hija miftuħa għal-livelli kollha ta' ħiliet. Fl-istess ħin, in-nuqqas ta' ħiliet f'pajjiżi terzi għandu jitqies ukoll meta jiġu definiti l-impjiegi biex jiġi ffaċilitat ir-reklutaġġ internazzjonali sabiex ma jaggravax l-eżodu ta' mħuħ f'setturi kritiċi.***

Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Ir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandha l-għan li tipprovdi servizzi lill-impjegaturi li huma stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti, inklużi aġenziji privati tal-impjiegi, aġenziji tax-xogħol	(6) Ir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandha l-għan li tipprovdi servizzi ***b'xejn*** lill-impjegaturi li huma stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti, ***permezz tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi u l-intermedjarji***

temporanju u intermedjarji tas-suq tax-xogħol kif definiti mill-Konvenzjoni 181 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol ***mill-1997***.

privati tas-suq tax-xogħol, inklużi aġenziji privati tal-impjiegi, aġenziji tax-xogħol temporanju u intermedjarji tas-suq tax-xogħol kif definiti mill-Konvenzjoni ***Nru*** 181 ***tal-1997 tal-Aġenziji Privati tal-Impjiegi*** tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol[5a]***.L-impjegaturi li jixtiequ jirreġistraw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE biex jikkollokaw il-postijiet vakanti tagħhom iridu jaderixxu mal-Prinċipji Ġenerali u l-Linji Gwida Operazzjonali tal-ILO dwar ir-Reklutaġġ Ġust. Il-persuni li qed ifittxu impjieg jenħtieġ li ma jiġux imposti direttament jew indirettament, kompletament jew parzjalment, kwalunkwe tariffa jew kost relatat għar-reklutaġġ tagħhom. Minkejja l-użu tagħhom tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, l-impjegaturi jenħtieġ li jkomplu l-kontributi tagħhom għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol domestika.***

_____

5a Id-Direttiva 2008/104/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija, ĠU L 327, 5.12.2008, p. 9-14, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2008/104/oj).

Or. en

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE tappoġġa ***wkoll*** l-implimentazzjoni ta' Sħubijiet ta' Talent, li huma wieħed mill-aspetti ewlenin tad-dimensjoni esterna tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil[6] u huma operazzjonalizzati f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-attrazzjoni tal-ħiliet u tat-talent lejn l-UE[7].	(7) ***Sħubijiet b'saħħithom ma' pajjiżi terzi jistgħu jikkontribwixxu għal kooperazzjoni effettiva għall-iżvilupp, f'konformità mal-prinċipju tal-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp, u jiffaċilitaw il-ħolqien ta' fiduċja reċiproka u kisbiet għall-pajjiżi terzi, l-UE, u l-Istati Membri tagħha.*** Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-

Jenħtieġ li ***l-parteċipazzjoni*** ta' ***Stat Membru fis-Sħubija*** ta' Talent ***tkun mingħajr preġudizzju għad-deċiżjoni tiegħu*** dwar ***il-parteċipazzjoni fir-Riżerva ta' Talent tal-UE***.

[6] COM/2020/609 final.

[7] COM/2022/657 final.

UE tappoġġja l-implimentazzjoni ta' Sħubijiet ta' Talent, li huma wieħed mill-aspetti ewlenin tad-dimensjoni esterna tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Asil[6] u huma operazzjonalizzati f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-attrazzjoni tal-ħiliet u tat-talent lejn l-UE[7] . ***Biex jirnexxu u jkunu sostenibbli,*** jenħtieġ li ***s-Sħubijiet ta' Talent dejjem jappoġġjaw l-iżvilupp tal-ħiliet f'pajjiżi terzi, u jinkoraġġixxu l-migrazzjoni ċirkolari biex jiġi evitat l-eżodu*** ta' ***mħuħ mill-pajjiżi ta' oriġini. Ir-riżerva*** ta' Talent ***tal-UE jenħtieġ li tibni wkoll fuq l-objettivi u d-dispożizzjonijiet rigward l-involviment kostruttiv tal-Unjoni*** dwar ***il-mobbiltà u l-aspetti kollha tal-migrazzjoni stabbiliti fir-Regolament NDICI-GE***.***7a***

[6] COM/2020/609 final.

[7] COM/2022/657 final.

[7a] Ir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali (ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/947/oj).

Or. en

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jkunu rrappreżentati b'mod adegwat fil-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, jenħtieġ li l-Istati Membri ***parteċipanti*** jaħtru żewġ rappreżentanti kull wieħed, wieħed mill-awtoritajiet tal-impjiegi u wieħed mill-	(8) Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet tal-Istati Membri ***kollha*** jkunu rrappreżentati b'mod adegwat fil-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, jenħtieġ li l-Istati Membri jaħtru żewġ rappreżentanti kull wieħed, wieħed mill-awtoritajiet tal-impjiegi u wieħed mill-

awtoritajiet tal-immigrazzjoni.

awtoritajiet tal-immigrazzjoni. ***Huwa importanti li s-sinerġiji bejn l-awtoritajiet tal-impjiegi u tal-immigrazzjoni jiġu rikonoxxuti u promossi biex jittejjeb il-funzjonament tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u jiġi evitat piż żejjed fuq l-amministrazzjonijiet nazzjonali. Jenħtieġ li jiġi nnutat ukoll li s-sħab soċjali għandhom għarfien u fehmiet importanti fl-iżvilupp tas-suq tax-xogħol Ewropew. Għalhekk, ir-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali transindustrijali fil-livell tal-Unjoni, mill-impjegaturi u t-trade unions rispettivament, jenħtieġ li jkollhom id-dritt li jaħtru tliet rappreżentanti kull wieħed biex jipparteċipaw fil-ħidma tal-Grupp ta' Tmexxija. Barra minn hekk, esperti minn aġenziji tal-Unjoni, organizzazzjonijiet internazzjonali u partijiet ikkonċernati oħra li jaħdmu ma' ċittadini ta' pajjiżi terzi jistgħu jiġu mistiedna wkoll jattendu l-laqgħat tal-Grupp ta' Tmexxija biex jipprovdu kontribut. Tali partijiet ikkonċernati jistgħu jinkludu l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA), iċ-Ċentru għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (CEDEFOP), il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF), l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (IOM), kif ukoll l-awtoritajiet lokali u reġjonali mill-Istati Membri, iżda mhumiex limitati għalihom.***

Or. en

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Jenħtieġ li jiġu żgurati sinerġiji, fejn xieraq, bejn il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u strumenti u servizzi rilevanti oħrajn fil-livell tal-	(10) Jenħtieġ li jiġu żgurati sinerġiji, fejn xieraq, bejn il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u strumenti u servizzi rilevanti oħrajn fil-livell tal-

Unjoni, inkluż fir-rigward tal-aċċess għal materjali ta' taħriġ bħall-Akkademja tal-UE u l-Akkademja tal-Ewropa Interoperabbli. Jenħtieġ li l-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE tiġi adattata malajr u regolarment għal prattiki ġodda fit-teknoloġija u tipprovdi servizzi tal-IT tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku billi tintroduċi karatteristiċi u għodod innovattivi.	Unjoni, inkluż fir-rigward tal-aċċess għal materjali ta' taħriġ bħall-Akkademja tal-UE u l-Akkademja tal-Ewropa Interoperabbli. Jenħtieġ li l-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE tiġi adattata malajr u regolarment għal prattiki ġodda fit-teknoloġija u tipprovdi servizzi tal-IT tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku billi tintroduċi karatteristiċi u għodod innovattivi. ***Is-sinerġiji u l-interoperabbiltà mtejba se jiffaċilitaw l-użu tal-pjattaforma għall-impjegaturi, speċjalment l-SMEs. Jenħtieġ li l-pjattaforma tkun aċċessibbli faċilment ukoll għall-persuni b'diżabbiltà f'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/2102[7b] u d-Direttiva (UE) 2019/882[7c].***
	[7b] Id-Direttiva (UE) 2016/2102 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi u tal-applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku (ĠU L 327, 2.12.2016, p. 1-15). http://data.europa.eu/eli/dir/2016/2102/oj).
	[7c] Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70-115, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2019/882/oj).
	Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Jenħtieġ li l-format tal-profili tal-persuni li qed ifittxu impjieg u tal-postijiet tax-xogħol vakanti jiġi stabbilit bl-użu tal-klassifikazzjoni Ewropea eżistenti ta'	(11) Jenħtieġ li l-format tal-profili tal-persuni li qed ifittxu impjieg u tal-postijiet tax-xogħol vakanti jiġi stabbilit bl-użu tal-klassifikazzjoni Ewropea eżistenti ta'

ħiliet, kompetenzi, kwalifiki u impjiegi (ESCO) kif previst fir-Regolament (UE) 2016/589[8] li jipprevedi terminoloġija standardizzata għall-impjiegi, il-ħiliet u l-kompetenzi u jiffaċilita t-trasparenza tal-ħiliet u tal-kwalifiki. Jenħtieġ li l-klassifikazzjoni tal-ESCO tappoġġa lill-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi, lill-impjegaturi u lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE biex jipprovdu informazzjoni komparabbli dwar l-esperjenzi tax-xogħol, l-impjiegi koperti minn post tax-xogħol vakanti, kif ukoll il-ħiliet offruti mill-persuni li qed ifittxu impjieg u meħtieġa mill-impjegaturi, biex b'hekk jippermettu proċess ta' tqabbil ta' kwalità għolja. Fejn applikabbli, jenħtieġ li l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jużaw il-format tal-ESCO għat-trasferiment ta' postijiet tax-xogħol vakanti għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. L-Istati Membri li ma jadottawx il-klassifikazzjoni tal-ESCO għall-postijiet tax-xogħol vakanti nazzjonali jenħtieġ li jipproduċu tabelli ta' mmappjar li jqabblu l-klassifikazzjoni użata fis-sistemi nazzjonali u l-klassifikazzjoni tal-ESCO biex jippermettu l-interoperabbiltà. Jenħtieġ li t-tabelli tal-immappjar isiru disponibbli għall-Kummissjoni u jenħtieġ li jintużaw għat-transkowdjar awtomatiku tal-informazzjoni dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti jew il-profili tal-persuni li qed ifittxu impjieg għall-fini ta' tqabbil awtomatizzat permezz tal-pjattaforma tal-IT komuni.

[8] Ir-Regolament (UE) 2016/589 tal-

ħiliet, kompetenzi, kwalifiki u impjiegi (ESCO) kif previst fir-Regolament (UE) 2016/589[8] li jipprevedi terminoloġija standardizzata għall-impjiegi, il-ħiliet u l-kompetenzi u jiffaċilita t-trasparenza tal-ħiliet u tal-kwalifiki. Jenħtieġ li l-klassifikazzjoni tal-ESCO tappoġġa lill-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi, lill-impjegaturi u lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE biex jipprovdu informazzjoni komparabbli dwar l-esperjenzi tax-xogħol, l-impjiegi koperti minn post tax-xogħol vakanti, kif ukoll il-ħiliet offruti mill-persuni li qed ifittxu impjieg u meħtieġa mill-impjegaturi, biex b'hekk jippermettu proċess ta' tqabbil ta' kwalità għolja. ***F'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni C(2023)7700, jenħtieġ li jiġi applikat approċċ "Ħiliet l-Ewwel" fil-proċess ta' tqabbil li bih jitqiesu t-tipi kollha ta' kwalifiki u ħiliet, bħall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, il-lawrji, iċ-ċertifikazzjoni tal-ħiliet u l-kompetenzi miksuba f'kuntesti mhux formali u informali jew ċertifikati speċifiċi ("mikrokredenzjali")[8a].*** Fejn applikabbli, jenħtieġ li l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jużaw il-format tal-ESCO għat-trasferiment ta' postijiet tax-xogħol vakanti għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. L-Istati Membri li ma jadottawx il-klassifikazzjoni tal-ESCO għall-postijiet tax-xogħol vakanti nazzjonali jenħtieġ li jipproduċu tabelli ta' mmappjar li jqabblu l-klassifikazzjoni użata fis-sistemi nazzjonali u l-klassifikazzjoni tal-ESCO biex jippermettu l-interoperabbiltà. Jenħtieġ li t-tabelli tal-immappjar isiru disponibbli għall-Kummissjoni u jenħtieġ li jintużaw għat-transkowdjar awtomatiku tal-informazzjoni dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti jew il-profili tal-persuni li qed ifittxu impjieg għall-fini ta' tqabbil awtomatizzat permezz tal-pjattaforma tal-IT komuni.

[8] Ir-Regolament (UE) 2016/589 tal-

Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' April 2016 dwar network Ewropew ta' servizzi tal-impjiegi (EURES), aċċess tal-ħaddiema għas-servizzi ta' mobilità u integrazzjoni ulterjuri tas-swieq tax-xogħol u li jemenda Regolamenti (UE) Nru 492/2011 u (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 107, 22.4.2016, p. 1), ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/589/oj).	Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' April 2016 dwar network Ewropew ta' servizzi tal-impjiegi (EURES), aċċess tal-ħaddiema għas-servizzi ta' mobilità u integrazzjoni ulterjuri tas-swieq tax-xogħol u li jemenda Regolamenti (UE) Nru 492/2011 u (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 107, 22.4.2016, p. 1), ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/589/oj).
	8a ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi (C/2023/7700 final).

Or. en

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) Sabiex jiġi żgurat trattament xieraq tad-data personali fil-kuntest tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2018/1725[8b] u ta opinjoni fid-9 ta' Jannar 2024.
	8b Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39-98, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Jenħtieġ li l-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jkollhom id-dritt li jagħżlu minn għadd ta' għażliet tekniċi biex jirrestringu l-aċċess għad-data personali tagħhom, pereżempju, billi jirrestringu l-aċċess għad-dettalji ta' kuntatt tagħhom. Jenħtieġ li l-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi u ta' impjegaturi li jipparteċipaw fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE li ma ntużawx għal perjodu ta' ***sentejn*** jitneħħew awtomatikament. Meta jitneħħew il-profili, sett limitat ta' data anonimizzata jista' jkompli jinħażen għal finijiet ta' riċerka u statistika, inkluż għall-fini tal-produzzjoni u l-kwalità tal-istatistika Ewropea.	(14) ***Ir-reġistrazzjoni ta' profil kif ukoll it-tiftix u l-pubblikazzjoni ta' postijiet ta' xogħol vakanti rispettivament jenħtieġ li jkunu mingħajr ħlas kemm għal dawk li qed ifittxu impjieg kif ukoll għall-impjegaturi.*** Jenħtieġ li l-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jkollhom id-dritt li jagħżlu minn għadd ta' għażliet tekniċi biex jirrestringu l-aċċess għad-data personali tagħhom, pereżempju, billi jirrestringu l-aċċess għad-dettalji ta' kuntatt tagħhom. Jenħtieġ li l-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi u ta' impjegaturi li jipparteċipaw fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE li ma ntużawx għal perjodu ta' ***sena*** jitneħħew awtomatikament ***sabiex jissaħħu s-salvagwardji għall-protezzjoni tad-data personali u jiġi evitat li s-sistema tal-IT ssir riġida wisq***. Meta jitneħħew il-profili, sett limitat ta' data anonimizzata jista' jkompli jinħażen għal finijiet ta' riċerka u statistika, inkluż għall-fini tal-produzzjoni u l-kwalità tal-istatistika Ewropea. ***L-informazzjoni dwar kif għandhom jiġu applikati dawn l-għażliet jenħtieġ li tkun disponibbli b'mod ċar, komprensiv, faċli għall-utent u b'formati aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà li jirrispettaw ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà rilevanti kif stabbiliti fid-Direttiva 2016/2102 dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi u tal-applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku kif ukoll ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għas-servizzi stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882.***

Or. en

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE tikkontribwixxi għall-objettiv li tiskoraġġixxi l-migrazzjoni irregolari, inkluż billi tiffaċilita l-aċċess għall-perkorsi legali eżistenti. Il-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li huma soġġetti għal deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva li tirrifjuta d-dħul jew is-soġġorn fi Stat Membru jew projbizzjoni fuq id-dħul f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11], jenħtieġ li ma jitħallewx jirreġistraw il-profili tagħhom fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, minħabba li mhux se jitħallew jidħlu u jibqgħu fl-Unjoni. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jkunu meħtieġa, ***qabel ma*** jirreġistraw il-profili tagħhom fir-Riżerva ta' Talent tal-UE, jiddikjaraw li bħalissa ma humiex soġġetti għal rifjut ta' dħul jew soġġorn fi Stat Membru jew projbizzjoni fuq id-dħul fit-territorju tal-Unjoni. Jenħtieġ li tiġi pprovduta wkoll informazzjoni dwar il-konsegwenzi biex issir dikjarazzjoni falza f'dan ir-rigward.	(16) Jenħtieġ li r-Riżerva ta' Talent tal-UE tikkontribwixxi għall-objettiv li tiskoraġġixxi l-migrazzjoni irregolari, inkluż billi tiffaċilita l-aċċess għall-perkorsi legali eżistenti. Il-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li huma soġġetti għal deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva li tirrifjuta d-dħul jew is-soġġorn fi Stat Membru jew projbizzjoni fuq id-dħul f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11], jenħtieġ li ma jitħallewx jirreġistraw il-profili tagħhom fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, minħabba li mhux se jitħallew jidħlu u jibqgħu fl-Unjoni ***għalissa***. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jkunu meħtieġa, ***meta*** jirreġistraw il-profili tagħhom fir-Riżerva ta' Talent tal-UE, jiddikjaraw li bħalissa ma humiex soġġetti għal rifjut ta' dħul jew soġġorn fi Stat Membru jew projbizzjoni fuq id-dħul fit-territorju tal-Unjoni. Jenħtieġ li tiġi pprovduta wkoll informazzjoni dwar il-konsegwenzi biex issir dikjarazzjoni falza f'dan ir-rigward. ***Hekk kif persuna li qed tfittex impjieg u impjegatur ikunu qablu, il-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali rilevanti jista', fuq talba u bl-iskop li tiġi vverifikata l-akkuratezza tad-dikjarazzjoni msemmija hawn fuq mill-persuna li tfittex impjieg, jingħata informazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen. F'każ li l-persuna li qed tfittex impjieg tkun soġġetta għal deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva li tirrifjuta d-dħul jew is-soġġorn fi Stat Membru jew projbizzjoni fuq id-dħul f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE, il-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali jenħtieġ li jikkomunika dan lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, li min-naħa***

tiegħu jenħtieġ li jneħħi l-profil mill-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Madankollu, f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, jenħtieġ li l-persuna li qed tfittex impjieg tkun tista' tressaq talba ġdida wara li tiskadi d-deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva jew il-projbizzjoni fuq id-dħul. Minkejja din il-possibbiltà, il-persuni kkundannati għal reati li jikkostitwixxu jew jinvolvu theddida għas-sigurtà nazzjonali ta' Stat Membru, jenħtieġ li ma jitħallew qatt jirreġistraw bħala persuni li qed ifittxu impjieg fir-Riżerva ta' Talent tal-UE. B'dawn ir-reati huma essenzjalment maħsuba għal dawk li jfittxu li jintimidaw serjament popolazzjoni, iġiegħlu lil gvern iwettaq jew jastjeni milli jwettaq kwalunkwe att jew jiddestabbilizza jew jeqred serjament l-istrutturi politiċi, kostituzzjonali, ekonomiċi jew soċjali fundamentali ta' Stat Membru, bħal tradiment (għoli) jew reati terroristiċi skont it-tifsira tad-Direttiva (UE) 2017/541[11a].

---

[11] Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2008/115/oj).

[11] Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2008/115/oj).

[11a] Id-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI, (ĠU L 88, 31.3.2017, p. 6–21, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2017/541/oj).

Or. en

Emenda 14

Proposta għal regolament
Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità u sabiex jitrawwem reklutaġġ ġust, il-parteċipazzjoni tal-impjegatur fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jenħtieġ li tkun soġġetta wkoll għal ċerti kundizzjonijiet. Mar-reġistrazzjoni, l-impjegaturi jenħtieġ li jkunu meħtieġa jipprovdu d-dettalji ta' kuntatt tagħhom, inkluż in-numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija tagħhom, u kontroll tar-rekords kriminali jew kontroll tal-informazzjoni tal-pulizija tal-persuna/i fiżika/ċi responsabbli mill-kumpanija. Jenħtieġ li l-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali jitlob lill-impjegaturi jipparteċipaw f'sessjoni ta' informazzjoni dwar ir-reklutaġġ ġust u l-istandards internazzjonali tax-xogħol. Wara li titlesta din is-sessjoni, jenħtieġ li l-impjegatur jiġi offrut il-possibbiltà li jieħu sehem f'sessjonijiet ta' informazzjoni u workshops addizzjonali dwar reklutaġġ ġust organizzati mill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali. L-impjegatur jenħtieġ li jkun jista' jippubblika fuq il-profil tiegħu t-tlestija ta' workshops addizzjonali f'dan ir-rigward, bħala mezz biex juri lejn impjegati potenzjali l-impenn tiegħu għal reklutaġġ ġust u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti. It-tlestija ta' workshops addizzjonali dwar ir-reklutaġġ ġust jenħtieġ li tgħin ukoll lill-impjegatur jikseb aktar viżibbiltà fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE permezz tas-sistema awtomatizzata ta' tqabbil. Qabel ma jaċċettaw il-profil tagħhom fis-sistema, il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali jenħtieġ li jwettqu proċess ta' skrinjar tal-impjegatur abbażi tal-informazzjoni kollha disponibbli.

Or. en

Emenda 15

Proposta għal regolament
Premessa 16b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16b) Fil-każ li impjegatur jikser il-liġi u l-prattika rilevanti msemmija fl-Artikolu 13(3) li jiġi nnotifikat lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti responsabbli għall-infurzar tal-liġi u l-prattika rilevanti f'konformità mal-Artikolu 13(6) ta' dan ir-Regolament, l-aċċess tal-impjegatur għar-Riżerva ta' Talent tal-UE jenħtieġ li jiġi sospiż u l-postijiet ta' xogħol vakanti tagħhom jenħtieġ li jitneħħew. Is-sospensjoni jenħtieġ li tiġi revokata mingħajr dewmien ladarba l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti jkunu nnotifikaw lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, jew l-impjegatur ikkonċernat ikun wera, li l-ksur tal-liġi u l-prattika rilevanti skont l-Artikolu 13(3) ikun ġie rimedjat. F'każijiet ta' ksur tad-Direttiva 2009/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jew tal- (UE).../... [Id-Direttiva kontra t-Traffikar 2022/0426(COD)], l-impjegatur jenħtieġ li jiġi sospiż mir-Riżerva ta' Talent tal-UE b'mod indefinit.

Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Jenħtieġ li l-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jixtiequ jirreġistraw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE[12] joħolqu profil billi jużaw il-funzjonalità	(17) Jenħtieġ li l-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jixtiequ jirreġistraw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE ***jkunu jistgħu*** joħolqu profil billi jużaw il-

tal-bini tal-profil tal-Europass li tippermetti l-ħolqien ta' profil liberu u r-rapportar tal-ħiliet u l-kwalifiki rilevanti, u ta' esperjenzi oħrajn f'post online sigur wieħed.

funzjonalità tal-bini tal-profil tal-Europass[12] li tippermetti l-ħolqien ta' profil liberu u r-rapportar tal-ħiliet u l-kwalifiki rilevanti, u ta' esperjenzi oħrajn f'post online sigur wieħed. ***Ir-Riżerva ta' Talent tal-UE jenħtieġ li ttejjeb l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-kriterji tal-eliġibbiltà u tal-għażla, li min-naħa tagħhom jenħtieġ li jkunu trasparenti, nondiskriminatorji u definiti b'mod wiesa' biex jippermettu l-ammissibbiltà ta' dawk li qed ifittxu impjieg bil-livelli kollha tal-ħiliet. Is-sistema awtomatizzata ta' tqabbil tar-Riżerva ta' Talent jenħtieġ li jkollha salvagwardji integrati kontra d-diskriminazzjoni jew il-preġudizzji. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jenħtieġ li jikkoopera mal-partijiet ikkonċernati bħal organizzazzjonijiet tan-negozju u organizzazzjonijiet li jaħdmu ma' ċittadini ta' pajjiżi terzi biex iqajmu kuxjenza u jtejbu l-fehim tal-Europass u l-funzjonijiet tiegħu.***

[12] Id-Deċiżjoni (UE) 2018/646 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' April 2018 dwar qafas komuni għall-għoti ta' servizzi aħjar għall-ħiliet u l-kwalifiki (ĠU L 112, 2.5.2018, p. 42, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2018/646/oj).

[12] Id-Deċiżjoni (UE) 2018/646 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' April 2018 dwar qafas komuni għall-għoti ta' servizzi aħjar għall-ħiliet u l-kwalifiki (ĠU L 112, 2.5.2018, p. 42, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2018/646/oj).

Or. en

Emenda 17

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Fejn meħtieġ, ir-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-validazzjoni tal-ħiliet tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jenħtieġ li jitwettqu fl-Istati Membri ***parteċipanti*** fuq talba tal-persuna li qed tfittex impjieg jew tal-impjegatur f'konformità mal-liġi ***u l-***	(18) ***Għall-fini tal-promozzjoni tal-moviment liberu tal-ħaddiema u biex jitħaffu l-proċeduri ta' rikonoxximent, l-għadd ta' professjonijiet regolati li jibqgħu fi ftit Stati Membri biss jeħtieġ li jonqos. Huwa importanti wkoll li jiġi applikat approċċ "Ħiliet l-Ewwel" waqt ir-***

prattiki nazzjonali, u ma' kwalunkwe ftehim internazzjonali rilevanti, inklużi Arranġamenti ta' Rikonoxximent Reċiproku għall-kwalifiki professjonali. L-assistenza personalizzata u l-informazzjoni online dwar il-proċeduri ta' rikonoxximent u validazzjoni eżistenti fil-livell nazzjonali jenħtieġ li ***jkunu*** disponibbli fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u ***jenħtieġ*** li ***jiġu pprovduti mill-Punti*** ta' ***Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE***.

reklutaġġ, filwaqt li jitqies is-sett sħiħ ta' ħiliet, kompetenzi u kwalifiki tal-persuni f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni C(2023)7700. Dan huwa partikolarment importanti fir-rigward tar-reklutaġġ internazzjonali, peress li d-data turi li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi huma aktar probabbli miċ-ċittadini tal-Unjoni li jkunu kkwalifikati żżejjed għall-impjieg tagħhom[12a]. Madankollu, fejn meħtieġ, ir-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-validazzjoni tal-ħiliet ***minn tagħlim formali, mhux formali u informali, u kwalifiki bħall-edukazzjoni vokazzjonali, il-lawrji jew ċertifikati speċifiċi (mikrokredenzjali)*** tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jenħtieġ li jitwettqu fl-Istati Membri fuq talba tal-persuna li qed tfittex impjieg jew tal-impjegatur f'konformità mal-liġi. ***Jenħtieġ li tkun konformi*** ma' kwalunkwe ftehim internazzjonali rilevanti, inklużi Arranġamenti ta' Rikonoxximent Reċiproku għall-kwalifiki professjonali. L-assistenza personalizzata u l-informazzjoni online dwar il-proċeduri ta' rikonoxximent u validazzjoni eżistenti fil-livell nazzjonali jenħtieġ li ***jiġu pprovduti mill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u jsiru*** disponibbli fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE ***b'mod ċar, komprensiv, faċli għall-utent*** u ***b'formati aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà*** li ***jirrispettaw ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà rilevanti kif stabbiliti fid-Direttiva 2016/2102 dwar l-aċċessibbiltà tas-siti web u tal-applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku kif ukoll ir-rekwiżiti*** ta' ***aċċessibbiltà rilevanti għas-servizzi stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882***.

Or. en

Emenda 18

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Jenħtieġ li l-lista ta' pajjiżi terzi u tal-Istati Membri li jipparteċipaw fi Sħubijiet ta' Talent tiġi ppubblikata fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE flimkien mal-impjiegi rilevanti mmirati minn kull sħubija.	(20) Jenħtieġ li l-lista ta' pajjiżi terzi u tal-Istati Membri li jipparteċipaw fi Sħubijiet ta' Talent tiġi ppubblikata fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE flimkien mal-impjiegi rilevanti mmirati minn kull sħubija. ***Is-Sħubijiet tat-Talenti jenħtieġ li dejjem jaderixxu ma' standards ta' reklutaġġ ġusti u jippromwovu l-migrazzjoni ċirkolari sabiex jiġi evitat l-eżodu ta' mħuħ.***

Or. en

Emenda 19

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Fil-kuntest ta' Sħubija ta' Talent, l-iżvilupp u l-validazzjoni tal-ħiliet jistgħu jkunu mmirati lejn is-suq tax-xogħol ta' Stat Membru parteċipanti wieħed jew aktar. L-Istati Membri jistgħu jikkontribwixxu, anki finanzjarjament, għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-appoġġ għall-iżvilupp u l-validazzjoni tal-ħiliet offruti fil-kuntest ta' Sħubija ta' Talent. Għalhekk, jekk jiġi deċiż hekk mill-Istati Membri li jipparteċipaw fis-Sħubija ta' Talent, huma biss l-impjegaturi stabbiliti fi Stat Membru wieħed jew aktar li jipparteċipaw fi Sħubija ta' Talent li jenħtieġ li jkunu jistgħu, għal perjodu massimu ta' ***sena***, ifittxu persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg li għandhom "permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE". Din il-possibbiltà tista', b'mod partikolari, tapplika f'każijiet fejn l-iżvilupp tal-ħiliet kien immirat speċifikament għall-ħtiġijiet ta' Stat Membru. Informazzjoni dwar jekk din il-possibbiltà hijiex applikata u f'liema każijiet jenħtieġ li tiġi pprovduta fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent	(21) Fil-kuntest ta' Sħubija ta' Talent, l-iżvilupp u l-validazzjoni tal-ħiliet jistgħu jkunu mmirati lejn is-suq tax-xogħol ta' Stat Membru parteċipanti wieħed jew aktar. L-Istati Membri jistgħu jikkontribwixxu, anki finanzjarjament, għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-appoġġ għall-iżvilupp u l-validazzjoni tal-ħiliet offruti fil-kuntest ta' Sħubija ta' Talent. Għalhekk, jekk jiġi deċiż hekk mill-Istati Membri li jipparteċipaw fis-Sħubija ta' Talent, huma biss l-impjegaturi stabbiliti fi Stat Membru wieħed jew aktar li jipparteċipaw fi Sħubija ta' Talent li jenħtieġ li jkunu jistgħu, għal perjodu massimu ta' ***sitt xhur***, ifittxu persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg li għandhom "permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE". Din il-possibbiltà tista', b'mod partikolari, tapplika f'każijiet fejn l-iżvilupp tal-ħiliet kien immirat speċifikament għall-ħtiġijiet ta' Stat Membru. Informazzjoni dwar jekk din il-possibbiltà hijiex applikata u f'liema każijiet jenħtieġ li tiġi pprovduta fuq il-

tal-UE, sabiex tinforma lill-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi u lill-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE. L-impjegaturi kollha li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jistgħu jfittxu l-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg li għandhom "permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE" wara li jkun għadda dan il-perjodu ta' żmien. Jenħtieġ li l-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li rċevew appoġġ taħt Sħubija ta' Talent dejjem ikollhom il-possibbiltà li jirreġistraw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE bħal kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz ieħor, mingħajr ma jkollhom bżonn jiddikjaraw l-eżistenza ta' "permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE" u b'hekk ikunu jistgħu japplikaw għal impjiegi fi Stati Membri oħrajn.

pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, sabiex tinforma lill-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi u lill-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE. L-impjegaturi kollha li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jistgħu jfittxu l-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg li għandhom "permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE" wara li jkun għadda dan il-perjodu ta' żmien. Jenħtieġ li l-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li rċevew appoġġ taħt Sħubija ta' Talent dejjem ikollhom il-possibbiltà li jirreġistraw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE bħal kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz ieħor, mingħajr ma jkollhom bżonn jiddikjaraw l-eżistenza ta' "permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE" u b'hekk ikunu jistgħu japplikaw għal impjiegi fi Stati Membri oħrajn.

Or. en

Emenda 20

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) ***L-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-xogħol (International Labour Organisation**, **ILO) fil-"Prinċipji*** ġenerali u l-linji gwida operazzjonali ***tagħha għal reklutaġġ ġust" tistabbilixxi għadd ta' standards dwar il-protezzjoni adegwata tal-persuni li qed ifittxu impjieg*** minn ***pajjiżi terzi kontra reklutaġġ inġust**. **Jenħtieġ li*** l-impjegaturi jikkonformaw mad-dritt u l-prattika applikabbli tal-Unjoni. It-trattament ugwali tal-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi fir-rigward ta' ċittadini tal-Istati Membri parteċipanti jenħtieġ li jiġi żgurat ukoll mill-impjegaturi f'konformità mad-Direttiva 2011/98[13], id-Direttiva 2014/36/UE[14], id-Direttiva 2021/1883/UE[15] u d-	(23) ***L-ILO stabbiliet għadd ta' standards dwar il-protezzjoni adegwata tal-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi kontra reklutaġġ inġust, inkluż il-prinċipju li jenħtieġ li l-ħaddiema ma għandhomx jiġu imposti, direttament jew indirettament**, **b'tariffi jew spejjeż relatati għar-reklutaġġ tagħhom. L-impjegaturi li jixtiequ jirreġistraw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jenħtieġ li jiddikjaraw li jaderixxu mal-Prinċipji*** Ġenerali u l-Linji Gwida Operazzjonali ***tal-ILO dwar ir-Reklutaġġ Ġust u jirrispettawhom, b'mod partikolari l-projbizzjoni tat-tariffi ta' reklutaġġ u l-kostijiet relatati li għandhom jitħallsu*** minn ***dawk li qed ifittxu impjieg jew mill-ħaddiema**. **Barra minn hekk,*** l-impjegaturi

Direttiva 2016/801/UE[16]. F'konformità mad-Direttiva 2019/1152/UE[17], jenħtieġ li l-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jipprovdu lill-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi informazzjoni ***bil-miktub*** u b'lingwa li tinftiehem dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom li jirriżultaw mir-relazzjoni tax-xogħol ***fil-bidu tal-impjieg***. Jenħtieġ li din l-informazzjoni tinkludi mill-inqas il-post u t-tip ta' xogħol, id-durata tal-impjieg, ir-rimunerazzjoni, is-sigħat tax-xogħol, l-ammont ta' kwalunkwe liv bi ħlas u, fejn applikabbli, kundizzjonijiet tax-xogħol rilevanti oħrajn. Jenħtieġ li impjegatur ***la jitlob*** ħlas għar-reklutaġġ u lanqas jipprojbixxi lil ħaddiem milli jibda impjieg ma' impjegaturi oħrajn, barra mill-iskeda tax-xogħol stabbilita ma' dak l-impjegatur, u lanqas ma jissoġġetta lil ħaddiem għal trattament avvers biex jagħmel dan. ***Jenħtieġ li*** l-impjegaturi li jipparteċipaw ***fir-Riżerva*** ta' Talent tal-UE jikkonformaw mad-Direttiva 96/71/KE[18] kif emendata mid-Direttiva 2018/***95742***meta jistazzjonaw ħaddiema fil-qafas tal-forniment ta' servizzi, b'mod partikolari fir-rigward tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjieg b'dan stabbiliti, bħall-obbligu li l-ħaddiema ta' pajjiżi terzi jistgħu jiġu stazzjonati biss fi Stat Membru jekk ikunu impjegati legalment u abitwalment fi Stat Membru ieħor.

jridu jikkonformaw mad-dritt u l-prattika applikabbli tal-Unjoni. It-trattament ugwali tal-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi fir-rigward ta' ċittadini tal-Istati Membri parteċipanti jenħtieġ li jiġi żgurat ukoll mill-impjegaturi f'konformità mad-Direttiva 2011/98[13], id-Direttiva 2014/36/UE[14], id-Direttiva 2021/1883/UE[15] u d-Direttiva 2016/801/UE[16]. F'konformità mad-Direttiva 2019/1152/UE[17], jenħtieġ li l-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jipprovdu lill-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi informazzjoni ***b'mod aċċessibbli għall-persuni li qed ifittxu impjieg*** u b'lingwa li tinftiehem dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom li jirriżultaw mir-relazzjoni tax-xogħol***, fi żmien raġonevoli qabel jibda kuntratt ta' impjieg***. Jenħtieġ li din l-informazzjoni tinkludi mill-inqas il-post u t-tip ta' xogħol, id-durata tal-impjieg, ir-rimunerazzjoni, ***(inkluż kwalunkwe allowance addizzjonali), tnaqqis legali,*** is-sigħat tax-xogħol, l-ammont ta' kwalunkwe liv bi ħlas u, fejn applikabbli, kundizzjonijiet tax-xogħol rilevanti oħrajn. ***L-informazzjoni rilevanti, inkluż il-prinċipju li l-ebda tariffa ta' reklutaġġ jew kostijiet relatati mhuma se jiġu imposti mill-persuna li qed tfittex impjieg,*** jenħtieġ li ***tiġi pprovduta wkoll fil-pożizzjoni ta' post vakanti biex jittejbu t-trasparenza u l-prevedibbiltà għal min ikun qed ifittex impjieg.*** Impjegatur ***jeħtieġ li ma jitlobx*** ħlas għar-reklutaġġ u lanqas jipprojbixxi lil ħaddiem milli jibda impjieg ma' impjegaturi oħrajn, barra mill-iskeda tax-xogħol stabbilita ma' dak l-impjegatur, u lanqas ma jissoġġetta lil ħaddiem għal trattament avvers biex jagħmel dan. L-impjegaturi li jipparteċipaw ***iridu jikkonformaw mar-Riżerva*** ta' Talent tal-UE jikkonformaw mad-Direttiva 96/71/KE[18] kif emendata mid-Direttiva 2018/***957*** meta jistazzjonaw ħaddiema fil-qafas tal-forniment ta' servizzi, b'mod partikolari fir-rigward tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjieg b'dan stabbiliti, bħall-obbligu li l-ħaddiema ta' pajjiżi terzi

jistgħu jiġu stazzjonati biss fi Stat Membru jekk ikunu impjegati legalment u abitwalment fi Stat Membru ieħor. ***Il-monitoraġġ proattiv tal-konformità tal-impjegaturi jenħtieġ li jiġi żgurat mill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali f'koordinazzjoni mas-sħab soċjali skont il-liġi jew il-prattika nazzjonali.***

---

[13] Id-Direttiva 2011/98/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar proċedura ta' applikazzjoni unika għal permess uniku għal ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jirrisjedu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru u dwar ġabra komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru (ĠU L 343, 23.12.2011, p. 1–9, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2011/98/oj).

[14] Id-Direttiva 2014/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar il-kondizzjonijiet għad-dħul u s-soġġorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-fini ta' impjieg bħala ħaddiema staġonali ĠU L 94, 28.3.2014, p. 375, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/36/oj).

[15] Id-Direttiva (UE) 2021/1883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2021 dwar il-kondizzjonijiet tad-dħul u tar-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-fini ta' impjieg bi kwalifiki għoljin, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2009/50/KE, ĠU L 382, 28.10.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2021/1883/oj).

[16] Id-Direttiva (UE) 2016/801 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riċerka, studji, taħriġ, servizz volontarju, skemi ta' skambju ta' skulari jew proġetti edukattivi u au pairing (riformulazzjoni) (ĠU L 132, 21.5.2016, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2016/801/oj).

---

[13] Id-Direttiva 2011/98/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar proċedura ta' applikazzjoni unika għal permess uniku għal ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jirrisjedu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru u dwar ġabra komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru (ĠU L 343, 23.12.2011, p. 1–9, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2011/98/oj).

[14] Id-Direttiva 2014/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar il-kondizzjonijiet għad-dħul u s-soġġorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-fini ta' impjieg bħala ħaddiema staġonali ĠU L 94, 28.3.2014, p. 375, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/36/oj).

[15] Id-Direttiva (UE) 2021/1883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2021 dwar il-kondizzjonijiet tad-dħul u tar-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-fini ta' impjieg bi kwalifiki għoljin, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2009/50/KE, ĠU L 382, 28.10.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2021/1883/oj).

[16] Id-Direttiva (UE) 2016/801 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riċerka, studji, taħriġ, servizz volontarju, skemi ta' skambju ta' skulari jew proġetti edukattivi u au pairing (riformulazzjoni) (ĠU L 132, 21.5.2016, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2016/801/oj).

[17] Id-Direttiva (UE) 2019/1152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar kondizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 105, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2019/1152/oj).

[18] Id-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (ĠU L 18, 21.1.1997, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1996/71/oj).

[17] Id-Direttiva (UE) 2019/1152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar kondizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 105, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2019/1152/oj).

[18] Id-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (ĠU L 18, 21.1.1997, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1996/71/oj).

Or. en

Emenda 21

Proposta għal regolament
Premessa 23a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23a) Il-migranti tax-xogħol b'diżabbiltà spiss huma suxxettibbli għal sitwazzjonijiet prekarji fis-suq tax-xogħol.[18a] Huwa importanti li titqajjem kuxjenza dwar is-sitwazzjoni tal-migranti tax-xogħol b'diżabbiltà, u li tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet legali tagħhom kif iddikjarat fil-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCRPD), jiġifieri d-dritt għax-xogħol u n-nondiskriminazzjoni. L-impjegaturi jenħtieġ li jimmiraw għad-diversità meta jirreklutaw ċittadini ta' pajjiżi terzi, inklużi persuni b'diżabbiltà. Huwa kruċjali wkoll li tiġi żgurata l-aċċessibbiltà tal-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u għalhekk, is-servizzi offruti jridu jikkonformaw mal-istandards ta' aċċessibbiltà, jiġifieri dawk stabbiliti fid-Direttiva 2016/2102 dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi u tal-applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku kif ukoll mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà rilevanti għas-servizzi

stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882.

18a https://www.un.org/development/desa/disabilities/refugees_migrants_with_disabilities.html

Or. en

Emenda 22

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Sabiex jiġi żgurat tqabbil ta' kwalità għolja, jenħtieġ li l-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi u l-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jkollhom aċċess għal lista ta' profili ssuġġeriti ta' persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg u ta' postijiet tax-xogħol vakanti abbażi tar-rilevanza tal-ħiliet, il-kwalifiki u l-esperjenzi tax-xogħol tagħhom għall-post tax-xogħol vakanti. Il-lista hija ġġenerata mill-għodda awtomatizzata ta' tqabbil tal-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	(24) Sabiex jiġi żgurat tqabbil ta' kwalità għolja, jenħtieġ li l-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi u l-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jkollhom aċċess għal lista ta' profili ssuġġeriti ta' persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg u ta' postijiet tax-xogħol vakanti abbażi tar-rilevanza tal-ħiliet, il-kwalifiki u l-esperjenzi tax-xogħol tagħhom għall-post tax-xogħol vakanti. Il-lista hija ġġenerata mill-għodda awtomatizzata ta' tqabbil tal-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. ***Il-persuna li qed tfittex impjieg għandu jkollha l-possibbiltà li tindika f'liema reġjun jew Stat Membru hija interessata li taħdem.***

Or. en

Emenda 23

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) ***Jenħtieġ*** li ***l-Istati Membri***	(26) ***Sabiex jiġi promoss reklutaġġ ġust***

parteċipanti jagħmlu l-informazzjoni dwar ir-Riżerva ta' Talent tal-UE u l-funzjonament tagħha faċilment aċċessibbli għall-persuni li ***qed ifittxu impjieg minn*** pajjiżi terzi u ***għall-impjegaturi***, ***b'mod partikolari fir-rigward*** tal-informazzjoni ***dwar l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri parteċipanti***. Jenħtieġ li ***tali informazzjoni tinkludi l-kundizzjonijiet*** u ***l-proċeduri għall-parteċipazzjoni fir-Riżerva*** ta' Talent tal-UE.

u tissaħħaħ it-trasparenza lejn ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed ifittxu impjieg prospettivi fl-UE kif ukoll impjegaturi Ewropej li ***jixtiequ jirreklutaw minn barra l-pajjiż, is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent, bl-appoġġ tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali, jenħtieġ li jagħmel*** l-informazzjoni dwar ir-Riżerva ta' Talent tal-UE u l-funzjonament tagħha faċilment aċċessibbli ***fuq il-pjattaforma tal-IT, inkluż*** għall-persuni ***b'diżabbiltà. Jenħtieġ*** li ***tali informazzjoni tinkludi l-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-parteċipazzjoni fir-Riżerva ta' Talent tal-UE. Jenħtieġ li tipprovdi wkoll informazzjoni dwar, jew link għal, il-proċeduri ta' reklutaġġ ta' kull Stat Membru inkluż ir-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-validazzjoni tal-ħiliet, il-proċeduri tal-immigrazzjoni, id-drittijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol kif ukoll il-mekkaniżmi ta' rimedju disponibbli għal każijiet ta' sfruttament tal-ħaddiema. Il-mekkaniżmu ta' lmentar jenħtieġ li jkun faċilment disponibbli, affordabbli u reattiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru, pereżempju billi jipprovdi konsulenti u persunal nisa fir-rimedju u l-aċċess għall-proċeduri ġudizzjarji. Jenħtieġ li tiżgura wkoll il-protezzjoni kontra r-ritaljazzjoni lejn il-persuna li qed tfittex impjieg, pereżempju billi tippermetti lmenti anonimi. Għandu jiġi ċċarat permezz tal-informazzjoni pprovduta kif il-persuna li qed tfittex impjieg tista' tipproċedi fil-każ ta' abbuż jew sfruttament mill-impjegatur. Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali huma responsabbli biex iżommu din l-informazzjoni aġġornata. L-informazzjoni jenħtieġ li tiġi pprovduta f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet li jaħdmu ma' ċittadini ta' pajjiżi terzi kif ukoll mal-awtoritajiet lokali u reġjonali u d-dettalji ta' kuntatt rilevanti f'dan ir-rigward jenħtieġ li jkunu faċilment aċċessibbli permezz tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.***

Emenda 24

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) ***Jenħtieġ li s-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jiżgura li informazzjoni faċilment aċċessibbli dwar il-proċeduri tal-immigrazzjoni, ir-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-validazzjoni tal-ħiliet, id-drittijiet taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol, kif ukoll il-mekkaniżmi ta' rimedju disponibbli għal każijiet ta' sfruttament tax-xogħol u prattiki*** ta' ***reklutaġġ inġusti fl-Istati Membri parteċipanti tkun disponibbli fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Jenħtieġ li l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jipprovdu l-informazzjoni rilevanti mas-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE sabiex tkun tista' tiġi ppubblikata fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Jenħtieġ li l-informazzjoni online dwar l-appoġġ disponibbli għall-persuni li qed ifittxu impjieg li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u li jinsabu f'pajjiżi terzi tkun disponibbli wkoll fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Il-miżuri ta' appoġġ stabbiliti mill-Istati Membri jistgħu jinkludu kampanji ta' informazzjoni speċifiċi, appoġġ biex jinkiseb dokument tal-ivvjaġġar u appoġġ għall-integrazzjoni mal-wasla.***	(27) ***Wara t-tqabbil ta' persuna li qed tfittex impjieg ma' impjegatur, il-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali rilevanti jenħtieġ li jiżgura li l-persuna li qed tfittex impjieg tirċievi informazzjoni addizzjonali f'format aċċessibbli, inkluż għall-persuni b'diżabbiltà. Din l-informazzjoni jenħtieġ li tinvolvi appoġġ komplementari għall-proċeduri għall-kisba*** ta' ***viża u permess ta' residenza għal finijiet ta' xogħol fl-Istat Membru inkwistjoni, gwida speċifika dwar il-proċeduri*** ta' ***riunifikazzjoni tal-familja u d-drittijiet u l-obbligi taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi inkluż l-aċċess għall-benefiċċji soċjali, l-assistenza tas-saħħa, l-edukazzjoni, l-akkomodazzjoni, ir-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-mekkaniżmu*** ta' ***lmentar disponibbli***. Jenħtieġ li ***tinkludi wkoll informazzjoni biex tiffaċilita l-integrazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-Istat Membru ospitanti bħal korsijiet tal-lingwa, taħriġ vokazzjonali u edukazzjoni kif ukoll miżuri oħra ta' integrazzjoni, u fejn disponibbli, id-dettalji*** ta' ***kuntatt ta' organizzazzjonijiet li joffru assistenza*** ta' ***wara r-reklutaġġ għal ċittadini ta' pajjiżi terzi, pereżempju l-programmi ta' tranżizzjoni***.

Or. en

Emenda 25

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Jenħtieġ li l-informazzjoni pprovduta fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE tkun disponibbli mill-inqas bil-lingwi uffiċjali tal-Istati Membri ***parteċipanti***.	(28) Jenħtieġ li l-informazzjoni pprovduta fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE tkun disponibbli mill-inqas bil-lingwi uffiċjali tal-Istati Membri ***kollha b'mod ċar, komprensiv, faċli għall-utent u formati aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà li jirrispettaw ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà rilevanti kif stabbiliti fid-Direttiva 2016/2102 dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi u tal-applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku kif ukoll ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà rilevanti għas-servizzi stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882***.

Or. en

Emenda 26

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Jenħtieġ li d-Delegazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jappoġġaw l-għoti ta' informazzjoni lil dawk li qed ifittxu ***xogħol*** minn pajjiżi terzi dwar ir-Riżerva ta' Talent tal-UE u l-funzjonament tagħha, ***kif ukoll mill-Istati Membri parteċipanti***.	(29) Jenħtieġ li d-Delegazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea***, bil-kooperazzjoni tal-Istati Membri, jaqdu rwol attiv biex*** jappoġġjaw l-għoti ta' informazzjoni lil dawk li qed ifittxu ***impjieg*** minn pajjiżi terzi dwar ir-Riżerva ta' Talent tal-UE u l-funzjonament tagħha***.*** ***Dan jinkludi***, ***pereżempju, l-għoti ta' informazzjoni bil-lingwi uffiċjali ta' pajjiżi terzi li jipparteċipaw fis-Sħubijiet ta' Talent***.

Or. en

Emenda 27

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Fuq talba mill-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi u minn impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE, il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jistgħu jipprovdu appoġġ addizzjonali. Jenħtieġ li l-appoġġ addizzjonali jinkludi informazzjoni mfassla apposta dwar il-viżi u l-permessi ta' residenza rilevanti għall-finijiet ta' xogħol fl-Istat Membru parteċipanti, inkluż fir-rigward tad-drittijiet u l-obbligi taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, bħall-aċċess għall-benefiċċji soċjali, l-assistenza għas-saħħa, l-edukazzjoni u l-akkomodazzjoni. Jistgħu jiġu pprovduti wkoll gwida u informazzjoni speċifiċi dwar il-proċeduri ta' riunifikazzjoni tal-familja u d-drittijiet tal-membri tal-familja, u miżuri eżistenti biex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni fl-Istat Membru ospitanti, bħal korsijiet tal-lingwa u taħriġ vokazzjonali. Tali informazzjoni għandha tinkludi wkoll mekkaniżmi ta' rimedju disponibbli għal każijiet ta' sfruttament tax-xogħol u prattiki ta' reklutaġġ inġusti fl-Istati Membri parteċipanti. Jenħtieġ li l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jipprovdu informazzjoni lill-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom relatati mas-sigurtà soċjali, mal-miżuri attivi tas-suq tax-xogħol, mat-tassazzjoni, mal-kwistjonijiet relatati mal-kuntratti tax-xogħol, mad-drittijiet tal-pensjoni u mal-assigurazzjoni tas-saħħa.	***imħassar***

Or. en

Emenda 28

Proposta għal regolament
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Sabiex jintlaħaq l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-acquis tal-UE dwar il-migrazzjoni legali. Barra minn hekk, sabiex ir-reklutaġġ tal-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li huma residenti barra mill-Unjoni jsir aktar faċli u aktar malajr għall-impjegaturi, l-Istati Membri parteċipanti ***jistgħu*** jistabbilixxu proċeduri tal-immigrazzjoni aċċellerati, b'mod partikolari fir-rigward tal-kisba ta' viżi u permessi ta' residenza għal finijiet ta' xogħol u l-eżenzjoni mill-prinċipju ta' preferenza għaċ-ċittadini tal-Unjoni. L-implimentazzjoni ta' proċeduri tal-immigrazzjoni aċċellerati tista' tiġi diskussa fil-kuntest tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, b'mod partikolari bil-ħsieb li jiġi appoġġat l-iskambju tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri.	(31) Sabiex jintlaħaq l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-acquis tal-UE dwar il-migrazzjoni legali. Barra minn hekk, sabiex ir-reklutaġġ tal-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li huma residenti barra mill-Unjoni jsir aktar faċli u aktar malajr għall-impjegaturi ***u sabiex tiġi fornita rabta funzjonali mal-lista nazzjonali ta' okkupazzjonijiet b'nuqqas ta' ħaddiema elenkati fl-Anness***, l-Istati Membri parteċipanti ***jenħtieġ li*** jistabbilixxu proċeduri tal-immigrazzjoni aċċellerati, b'mod partikolari fir-rigward tal-kisba ta' viżi u permessi ta' residenza għal finijiet ta' xogħol u l-eżenzjoni mill-prinċipju ta' preferenza għaċ-ċittadini tal-Unjoni. ***għall-okkupazzjonijiet b'nuqqas ta' ħaddiema identifikati fil-livell nazzjonali kif ukoll għal persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jkunu kisbu "pass ta' Sħubija ta' Talent tal-UE" fi sħubija li fiha jkun ipparteċipa l-Istat Membru. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu wkoll li jistabbilixxu proċeduri ta' immigrazzjoni aċċellerati għar-reklutaġġ għal okkupazzjonijiet mhux elenkati fil-lista ta' okkupazzjonijiet b'nuqqas ta' ħaddiema.*** L-implimentazzjoni ta' proċeduri tal-immigrazzjoni aċċellerati tista' tiġi diskussa fil-kuntest tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, b'mod partikolari bil-ħsieb li jiġi appoġġjat l-iskambju tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri. ***Huwa kruċjali wkoll li l-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, bl-appoġġ tas-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, iwettaq previżjonijiet tas-suq tax-xogħol u informazzjoni dwar il-ħiliet, pereżempju permezz tal-Pjattaforma dwar il-Migrazzjoni tal-Ħaddiema.***

Emenda 29

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament li jiġi ffaċilitat ir-reklutaġġ internazzjonali, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex temenda dan ir-Regolament fir-rigward tal-Anness li jipprovdi l-lista ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema fl-UE kollha. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[19]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.	(33) Sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament li jiġi ffaċilitat ir-reklutaġġ internazzjonali, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex temenda dan ir-Regolament fir-rigward tal-Anness li jipprovdi l-lista ta' okkupazzjonijiet neqsin mill-ħaddiema fl-UE kollha. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[19]. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkonsulta mas-sħab soċjali, speċjalment fil-livell settorjali, kif ukoll mar-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess minn organizzazzjonijiet li jaħdmu għal ċittadini ta' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet li jaħdmu għall-persuni b'diżabbiltà.*** B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.
[19] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123,	[19] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123,

12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj).

12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj).

Or. en

Emenda 30

Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) ***Jenħtieġ li*** l-Istati Membri ***parteċipanti*** jimplimentaw dan ir-Regolament f'konformità sħiħa mal-obbligi kollha tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u, b'mod partikolari, mingħajr diskriminazzjoni abbażi tas-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwi, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjonijiet politiċi jew kwalunkwe opinjoni oħra, is-sħubija ta' minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. ***Jenħtieġ li jiġu żgurati r-rispett*** ta' kundizzjonijiet tax-xogħol ekwi u ġusti u l-protezzjoni taż-żgħażagħ fuq il-post tax-xogħol.	(37) L-Istati Membri ***jridu*** jimplimentaw dan ir-Regolament f'konformità sħiħa mal-obbligi kollha tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u, b'mod partikolari, mingħajr diskriminazzjoni abbażi tas-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwi, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjonijiet politiċi jew kwalunkwe opinjoni oħra, is-sħubija ta' minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. ***Ir-rispett*** ta' kundizzjonijiet tax-xogħol ekwi u ġusti u l-protezzjoni taż-żgħażagħ fuq il-post tax-xogħol ***kif ukoll l-ugwaljanza bejn il-ġeneri jridu jiġu żgurati***.

Or. en

Emenda 31

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi Riżerva ta' Talent tal-UE disponibbli għall-Istati Membri kollha ***biex tiffaċilita r-reklutaġġ*** ta' persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi residenti barra mill-Unjoni.	1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi Riżerva ta' Talent tal-UE disponibbli għall-Istati Membri kollha ***sabiex jiġi ffaċilitat ir-reklutaġġ*** ta' persuni li qed ifittxu impjieg ***b'livelli kollha ta' kwalifiki*** minn pajjiżi terzi residenti barra mill-Unjoni ***u jiġi promoss reklutaġġ ġust kif stabbilit***

fil-Prinċipji Ġenerali u l-Linji Gwida Operazzjonali tal-ILO dwar ir-Rilevament Ġust.[20a]

_____

[20a] L-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, Prinċipji ġenerali u linji gwida operattivi għal reklutaġġ ġust u definizzjoni ta' tariffi ta' reklutaġġ u spejjeż relatati. Ara https://www.ilo.org/wcmsp5/groups/public/---ed_protect/---protrav/---migrant/documents/publication/wcms_703485.pdf

Or. en

Emenda 32

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-funzjonament tal-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u s-servizzi ta' appoġġ relatati;	(b) il-funzjonament tal-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u s-servizzi ta' appoġġ relatati***, bħar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà u l-għoti ta' informazzjoni***;

Or. en

Emenda 33

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dan ir-Regolament japplika għal persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li huma residenti barra mill-Unjoni u impjegaturi stabbiliti fl-Istati Membri ***parteċipanti***.	1. Dan ir-Regolament japplika għal persuni li qed ifittxu impjieg ***bil-livelli kollha ta' kwalifiki*** minn pajjiżi terzi li huma residenti barra mill-Unjoni u impjegaturi stabbiliti fl-Istati Membri.

Or. en

Emenda 34

Proposta għal regolament
Artikolu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 3	***imħassar***
Parteċipazzjoni	
1. Kwalunkwe Stat Membru jista' jiddeċiedi, fi kwalunkwe ħin, li jipparteċipa fir-Riżerva ta' Talent tal-UE. Huwa għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn 9 xhur qabel id-data minn meta jkollu l-ħsieb li jipparteċipa. Mill-ewwel jum tal-parteċipazzjoni, il-postijiet tax-xogħol vakanti ta' impjegaturi stabbiliti f'dak l-Istat Membru jistgħu jiġu ttrasferiti għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	
2. L-informazzjoni dwar l-Istati Membri parteċipanti għandha ssir disponibbli għall-pubbliku fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	

Or. en

Emenda 35

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) "Stati Membri parteċipanti" tfisser Stati Membri li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE;	***imħassar***

Or. en

Emenda 36

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) "persuna li qed tfittex impjieg minn pajjiż terz" tfisser persuna residenti barra mill-Unjoni li ma hijiex ċittadin tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 20(1) tat-TFUE u li qed tfittex impjieg fl-Unjoni;	(2) "persuna li qed tfittex impjieg minn pajjiż terz" tfisser persuna ***ta' età legali skont il-liġi nazzjonali*** residenti barra mill-Unjoni li ma hijiex ċittadin tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 20(1) tat-TFUE u li qed tfittex impjieg fl-Unjoni;

Or. en

Emenda 37

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ntgħażlu għal post tax-xogħol vakanti fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom jibbenefikaw ukoll mid-drittijiet stabbiliti fl-Artikolu 17, 18 u 19 ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 38

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) "mezz ikkoordinat uniku" tfisser is-servizz tal-IT li jiġi stabbilit għat-trażmissjoni ta' postijiet tax-xogħol vakanti mill-Istati Membri ***parteċipanti*** għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE skont sistema uniformi u bl-użu tal-infrastruttura teknika meħtieġa.	(5) "mezz ikkoordinat uniku" tfisser is-servizz tal-IT li jiġi stabbilit għat-trażmissjoni ta' postijiet tax-xogħol vakanti mill-Istati Membri għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE skont sistema uniformi u bl-użu tal-infrastruttura teknika meħtieġa.

Or. en

Emenda 39

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għall-iffaċilitar tar-reklutaġġ ta' persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi hija stabbilita.	1. Il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għall-iffaċilitar tar-reklutaġġ ta' persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi hija stabbilita. ***L-informazzjoni fuq il-pjattaforma għandha tkun disponibbli bil-lingwi kollha tal-UE u tissodisfa r-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà f'konformità mad-Direttiva 2016/2102 u l-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882.***

Or. en

Emenda 40

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-mezz ikkoordinat uniku li jippermetti lill-Istati Membri ***parteċipanti*** jittrasferixxu l-postijiet tax-xogħol vakanti għall-bażi tad-data tar-Riżerva ta' Talent tal-UE;	(a) il-mezz ikkoordinat uniku li jippermetti lill-Istati Membri jittrasferixxu l-postijiet tax-xogħol vakanti***, inklużi l-apprendistati u t-traineeships,*** għall-bażi tad-data tar-Riżerva ta' Talent tal-UE;

Or. en

Emenda 41

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-infrastruttura teknika li tippermetti lill-bażi tad-data tar-Riżerva ta' Talent tal-	(b) l-infrastruttura teknika li tippermetti lill-bażi tad-data tar-Riżerva ta' Talent tal-

UE tirċievi l-postijiet tax-xogħol vakanti mill-Istati Membri ***parteċipanti***;	UE tirċievi l-postijiet tax-xogħol vakanti mill-Istati Membri;

Or. en

Emenda 42

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) il-mezz ta' komunikazzjoni sigur li jippermetti lill-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg u lill-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jikkomunikaw fi ħdan il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE**.**	(f) il-mezz ta' komunikazzjoni sigur li jippermetti lill-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg u lill-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jikkomunikaw fi ħdan il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE***, inkluża l-possibbiltà li jitwettqu testijiet tal-ħiliet u intervisti direttament fuq il-pjattaforma;***

Or. en

Emenda 43

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) l-aċċess għall-informazzjoni pubblika dwar il-funzjonament tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u informazzjoni dwar il-proċeduri tal-Istati Membri rigward ir-reklutaġġ, ir-rikonoxximent tal-ħiliet u l-proċeduri ta' skrinjar, il-proċeduri tal-immigrazzjoni, id-drittijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, il-mekkaniżmi ta' rimedju u l-informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol fl-Istati Membri;

Or. en

Emenda 44

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri ***parteċipanti*** u s-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE msemmija fl-Artikolu 8 għandhom jiżguraw l-interoperabbiltà teknika bejn is-sistemi nazzjonali u l-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jiżgura l-interfaċċa ma' strumenti u servizzi rilevanti oħrajn offruti fil-livell tal-Unjoni, fejn xieraq.	4. L-Istati Membri u s-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE msemmija fl-Artikolu 8 għandhom jiżguraw l-interoperabbiltà teknika bejn is-sistemi nazzjonali u l-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jiżgura l-interfaċċa ma' strumenti u servizzi rilevanti oħrajn offruti fil-livell tal-Unjoni, fejn xieraq.

Or. en

Emenda 45

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi għandhom jinkludu l-isem, il-kunjom, id-dettalji ta' kuntatt, id-data tat-twelid u n-nazzjonalità, informazzjoni dwar il-kwalifiki akkademiċi u professjonali, l-esperjenza tax-xogħol, ħiliet oħrajn u għarfien tal-lingwa. Il-postijiet tax-xogħol vakanti tal-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom jinkludu ***l-isem***, ***il-kunjom*** u ***d-dettalji*** ta' ***kuntatt***.	3. Il-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi għandhom jinkludu l-isem, il-kunjom, id-dettalji ta' kuntatt, id-data tat-twelid u n-nazzjonalità, informazzjoni dwar il-kwalifiki akkademiċi u professjonali, l-esperjenza tax-xogħol, ħiliet oħrajn u għarfien tal-lingwa. ***Il-profili tal-impjegaturi rreġistrati fil-pjattaforma għandhom jinkludu l-isem, il-kunjom, id-dettalji ta' kuntatt, in-numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija, is-settur tal-attività u deskrizzjoni qasira tal-operazzjonijiet tal-impjegatur.*** Il-postijiet tax-xogħol vakanti tal-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom jinkludu ***informazzjoni dwar il-post u t-tip ta' xogħol***, ***is-sigħat tax-xogħol kif ukoll id-durata tal-impjieg*** u ***kundizzjonijiet tax-xogħol rilevanti oħra, inklużi l-prattiki*** ta' ***remunerazzjoni***

applikabbli.

Or. en

Emenda 46

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li ma jkunux ġew aċċessati għal perjodu ta' ***sentejn*** mir-reġistrazzjoni tal-profili tagħhom għandhom jitneħħew jew jiġu anonimizzati u ma għandha tinħażen l-ebda data personali. Ladarba l-profili jitneħħew, sett limitat ta' data anonimizzata jista' jkompli jinħażen għal skopijiet ta' riċerka u statistika, kif ukoll biex tiġi estratta data biex jittejjeb il-funzjonament tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	6. Il-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li ma jkunux ġew aċċessati għal perjodu ta' ***sena*** mir-reġistrazzjoni tal-profili tagħhom għandhom jitneħħew jew jiġu anonimizzati u ma għandha tinħażen l-ebda data personali. Ladarba l-profili jitneħħew, sett limitat ta' data anonimizzata jista' jkompli jinħażen għal skopijiet ta' riċerka u statistika, kif ukoll biex tiġi estratta data biex jittejjeb il-funzjonament tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 47

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Id-data tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi għandha tkun aċċessibbli biss għall-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE, u għall-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Id-data tal-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandha tkun aċċessibbli għall-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi, u għall-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	8. Id-data tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi għandha tkun aċċessibbli biss għall-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE, u għall-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Id-data tal-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandha tkun aċċessibbli għall-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi, u għall-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. ***L-ipproċessar ta' data bl-iskop tat-tiftix u tat-tqabbil m'għandux jirrikjedi***

proċessar ta' kwalunkwe data personali msemmija fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2016/679 u fl-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2018/1725.

Or. en

Emenda 48

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jiżgura l-ġestjoni ġenerali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, inklużi l-ippjanar u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet tar-Riżerva ta' Talent tal-UE;	(a) jiżgura l-ġestjoni ġenerali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, inklużi l-ippjanar u l-koordinazzjoni tal-attivitajiet tar-Riżerva ta' Talent tal-UE ***bħall-kampanji ta' sensibilizzazzjoni u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati fil-proċedura tal-kumitat imsemmija fl-Artikolu 22 ta' dan ir-Regolament***;

Or. en

Emenda 49

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jippubblika l-informazzjoni rilevanti fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE skont l-Artikolu ***3(3), l-Artikolu*** 10(2), il-punt (f), l-Artikolu 12(5), (6) u (7), l-Artikolu 14(2) ***u*** l-Artikolu 15(2);	(c) jippubblika l-informazzjoni rilevanti fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE skont l-Artikolu 10(2), il-punt (f), l-Artikolu 12(5), (6) u (7), l-Artikolu 14(2)***,*** l-Artikolu 15(2) ***u l-Artikolu 17(1) kif ukoll jipprovdi s-sessjoni ta' informazzjoni online msemmija fl-Artikolu 11(9) għall-persuni li qed ifittxu impjieg li jirreġistraw fuq il-pjattaforma***;

Or. en

Emenda 50

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) iħejji l-laqgħat tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE;	(d) iħejji l-laqgħat tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE ***u jħejji għall-iskambji mal-awtoritajiet rilevanti minn pajjiżi terzi permezz ta' kooperazzjoni mad-Delegazzjonijiet tal-UE u s-servizzi diplomatiċi fil-pajjiżi terzi***;

Or. en

Emenda 51

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) ilaqqa' laqgħat regolari tan-Network tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE msemmija fl-Artikolu 10 biex jiskambjaw informazzjoni u l-aħjar prattiki dwar l-implimentazzjoni teknika fil-livell nazzjonali ta' dan ir-Regolament**.**	(f) ilaqqa' laqgħat regolari tan-Network tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE msemmija fl-Artikolu 10 biex jiskambjaw informazzjoni u l-aħjar prattiki dwar l-implimentazzjoni teknika fil-livell nazzjonali ta' dan ir-Regolament***, kif ukoll jissinkronizza dawn il-laqgħat mal-ħidma parallela li għaddejja dwar il-proċeduri ta' rikonoxximent stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni UE 2023/7700 dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi;***

Or. en

Emenda 52

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) jikkoordina l-informazzjoni li waslet mill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali dwar l-aderenza tal-impjegaturi mal-Prinċipji Ġenerali u l-Linji Gwida Operazzjonali tal-ILO dwar ir-Reklutaġġ Ġust.

Or. en

Emenda 53

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) jiskambja fehmiet mal-partijiet ikkonċernati kif deskritt fl-Artikolu 9(4a) ta' dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 54

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(db) jikkoopera mal-awtoritajiet u mal-partijiet ikkonċernati f'pajjiżi terzi biex tiġi appoġġjata l-implimentazzjoni tas-Sħubijiet ta' Talent u jiġu żviluppati miżuri biex jiġi evitat l-eżodu ta' mħuħ, kif ukoll biex jitwettqu previżjonijiet tas-suq tax-xogħol li jistgħu jservu wkoll bħala bażi għal Sħubijiet ta' Talent futuri.

Or. en

Emenda 55

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***L-Istati Membri parteċipanti biss għandhom ikunu membri tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. L-Istati Membri li ma jkunux qed jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jistgħu jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE bħala osservaturi***.	2. ***Il-Grupp*** ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE ***għandu jikkonsisti minn rappreżentanti mill-awtoritajiet tal-impjiegi u tal-immigrazzjoni tal-Istati Membri kollha***.

Or. en

Emenda 56

Proposta għal regolament
Artikolu 9 - paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Ir-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali ***trans-industrijali*** fil-livell tal-Unjoni ***għandu jkollhom id-dritt li jipparteċipaw bħala osservaturi fil-laqgħat tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Ir-rappreżentanza ta' żewġ parteċipanti mit-trade union u żewġ parteċipanti mill-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi għandha tiġi żgurata mill-Grupp*** ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Dawk ir-rappreżentanti għandhom jiffirmaw dikjarazzjoni bil-miktub li tiddikjara li ma humiex f'sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess.	4. Ir-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali ***transindustrijali*** fil-livell tal-Unjoni***, mill-impjegaturi u t-trade unions rispettivament, għandu jkollhom id-dritt li jaħtru tliet rappreżentanti kull wieħed biex jipparteċipaw fil-ħidma tal-Grupp*** ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Dawk ir-rappreżentanti għandhom jiffirmaw dikjarazzjoni bil-miktub li tiddikjara li ma humiex f'sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess.

Or. en

Emenda 57

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Esperti minn aġenziji tal-Unjoni u organizzazzjonijiet internazzjonali jistgħu jiġu mistiedna wkoll jattendu l-laqgħat tal-Grupp ta' Tmexxija biex jippreżentaw il-fehmiet tagħhom. Tali partijiet ikkonċernati jistgħu jinkludu l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA), iċ-Ċentru għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (CEDEFOP), il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (ETF), l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (IOM), kif ukoll l-awtoritajiet lokali u reġjonali mill-Istati Membri, iżda mhumiex limitati għalihom.

Or. en

Emenda 58

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kull Stat Membru ***parteċipanti*** għandu jaħtar Punt ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. L-Istati Membri ***parteċipanti*** għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet rilevanti mill-qasam tal-impjiegi u l-immigrazzjoni jinħatru bħala l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	1. Kull Stat Membru għandu jaħtar Punt ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet rilevanti mill-qasam tal-impjiegi u l-immigrazzjoni jinħatru bħala l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE ***sabiex jittejbu s-sinerġiji bejn l-awtoritajiet u biex jiġi evitat li l-amministrazzjonijiet nazzjonali jitgħabbew wisq***.

Or. en

Emenda 59

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) jikkonsulta mal-organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali kif ukoll mal-awtoritajiet lokali u reġjonali dwar ix-xejriet u l-iżviluppi tas-suq tax-xogħol;

Or. en

Emenda 60

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) jipprovdi informazzjoni lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE dwar il-proċeduri ta' immigrazzjoni u rikonoxximent fil-livell nazzjonali, inkluż fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' preferenza għaċ-ċittadini tal-Unjoni u data rilevanti għall-monitoraġġ tar-Riżerva ta' Talent tal-UE kif stabbilit fl-Artikolu 20;	(f) jipprovdi informazzjoni lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE dwar ***ir-reklutaġġ,*** il-proċeduri ta' immigrazzjoni u rikonoxximent fil-livell nazzjonali***, f'konformità mal-Artikolu 17(1)***, inkluż fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' preferenza għaċ-ċittadini tal-Unjoni u data rilevanti għall-monitoraġġ tar-Riżerva ta' Talent tal-UE kif stabbilit fl-Artikolu 20;

Or. en

Emenda 61

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) il-monitoraġġ tat-twettiq u l-konformità tal-impjegaturi mal-Prinċipji Ġenerali u l-Linji Gwida Operazzjonali tal-ILO dwar ir-Reklutaġġ Ġust, u r-rapportar tal-iżviluppi nazzjonali f'dan ir-

rigward lis-Segretarjat;

Or. en

Emenda 62

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) jipprovdi informazzjoni u servizzi ta' appoġġ lill-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi u lill-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE f'konformità mal-Artikolu 17.	(g) jipprovdi informazzjoni u servizzi ta' appoġġ lill-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi u lill-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE***,*** f'konformità ***mal-Artikolu 17(2) ta' dan ir-Regolament u f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali, mal-awtoritajiet lokali u reġjonali u, fejn applikabbli, mal-organizzazzjonijiet li joffru assistenza ta' wara r-reklutaġġ għal ċittadini ta' pajjiżi terzi***.

Or. en

Emenda 63

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Is-sospensjoni msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (e), għandha tiġi revokata mingħajr dewmien ladarba l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti jkunu nnotifikaw lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, jew l-impjegatur ikkonċernat ikun wera, li l-ksur tal-liġi u l-prattika rilevanti skont l-Artikolu 13(3) ikun ġie rimedjat. F'każijiet ta' ksur tad-Direttiva 2009/52/KE u tal-Kunsill jew tal-(UE).../... [Id-Direttiva kontra t-Traffikar 2022/0426(COD)], l-impjegatur għandu jiġi sospiż mir-Riżerva ta' Talent tal-UE b'mod indefinit.

Or. en

Emenda 64

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE minn kull Stat Membru parteċipanti għandhom jissejħu regolarment mis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE fin-Network tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE biex jiskambjaw informazzjoni u l-aħjar prattiki dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.	3. Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE minn kull Stat Membru għandhom jissejħu regolarment mis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE fin-Network tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE biex jiskambjaw informazzjoni u l-aħjar prattiki dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 65

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jistgħu joħolqu l-profili tagħhom permezz tal-bennej tal-profil tal-Europass sabiex jirreġistraw fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	1. Il-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi ***għandhom ikunu*** jistgħu joħolqu l-profili tagħhom permezz tal-bennej tal-profil tal-Europass sabiex jirreġistraw fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 66

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Hekk kif persuna li qed tfittex impjieg u impjegatur jitqabblu f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament, il-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali jista', fuq talba u għall-fini ta' verifika tal-preċiżjoni tad-dikjarazzjoni ta' hawn fuq mill-persuna li qed tfittex impjieg, jingħata informazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen.

Or. en

Emenda 67

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. F'każ li l-persuna li qed tfittex impjieg tkun soġġetta għal deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, il-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali għandu jikkomunika dan lis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, li min-naħa tiegħu għandu jneħħi l-profil mill-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 68

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2c. B'deroga mill-paragrafu 2b), persuna li qed tfittex impjieg, wara li tiskadi d-deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva li tirrifjuta d-dħul jew is-

soġġorn tagħha fi Stat Membru jew li tipprojbixxi d-dħul skont id-Direttiva msemmija hawn fuq, tista' tippreżenta talba ġdida biex tirreġistra profil.

Or. en

Emenda 69

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2d. Minkejja l-paragrafi 1 sa 2c), il-persuni kkundannati għal reati stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2017/541 jew kwalunkwe reat ieħor li jikkostitwixxi jew li jinvolvi theddida għas-sigurtà nazzjonali ta' Stat Membru ma għandhomx, fi kwalunkwe każ, ikunu jistgħu jirreġistraw bħala persuni li qed ifittxu impjieg fir-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 70

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi rreġistrati fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jistgħu jfittxu postijiet tax-xogħol vakanti.	4. Il-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi rreġistrati fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE jistgħu jfittxu postijiet tax-xogħol vakanti. ***L-għodda awtomatizzata ta' tqabbil tal-pjattaforma għandha tiżgura viżibbiltà ogħla għall-persuni li qed ifittxu impjieg li qabel ikunu ntgħażlu għal post tax-xogħol vakanti fir-Riżerva ta' Talent tal-UE.***

Or. en

Emenda 71

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Mar-reġistrazzjoni tagħhom fil-pjattaforma tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, il-persuni li qed ifittxu impjieg għandhom jiġu offruti l-possibbiltà li jipparteċipaw f'sessjoni ta' informazzjoni dwar id-drittijiet tax-xogħol tagħhom fil-kuntest tal-pjattaforma, kif ukoll fil-kuntest tar-reklutaġġ minn impjegatur ta' Stat Membru. Din is-sessjoni għandha tinkludi informazzjoni dwar kif jitressaq ilment f'konformità mal-Artikolu 18 u għandha tiġi organizzata mis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE bl-appoġġ tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali.

Or. en

Emenda 72

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri parteċipanti li jieħdu sehem fi Sħubija ta' Talent jistgħu jiddeċiedu li jiddependu fuq ir-Riżerva ta' Talent tal-UE biex jiffaċilitaw ir-reklutaġġ tal-persuni li qed ifittxu impjieg minn dak il-pajjiż terz li l-ħiliet tagħhom ġew żviluppati jew ivvalidati fil-qafas ta' dik is-Sħubija ta' Talent u ċċertifikati minn "permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE".	1. L-Istati Membri li jieħdu sehem fi Sħubija ta' Talent jistgħu jiddeċiedu li jiddependu fuq ir-Riżerva ta' Talent tal-UE biex jiffaċilitaw ir-reklutaġġ tal-persuni li qed ifittxu impjieg minn dak il-pajjiż terz li l-ħiliet tagħhom ġew żviluppati jew ivvalidati fil-qafas ta' dik is-Sħubija ta' Talent u ċċertifikati minn "permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE".

Or. en

Emenda 73

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Istati Membri ***parteċipanti*** jistgħu jiddeċiedu, fil-qafas tas-Sħubija ta' Talent rilevanti, li jillimitaw il-viżibbiltà tal-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jkunu kisbu "permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE", għal perjodu massimu ta' ***sena***, għall-impjegaturi stabbiliti fi Stat Membru wieħed jew aktar li jieħdu sehem f'dik l-istess Sħubija ta' Talent. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jippubblika informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	6. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu, fil-qafas tas-Sħubija ta' Talent rilevanti ***li jipparteċipaw fihom***, li jillimitaw il-viżibbiltà tal-profili tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jkunu kisbu "permess tas-Sħubija ta' Talent tal-UE", għal perjodu massimu ta' ***sitt xhur***, għall-impjegaturi stabbiliti fi Stat Membru wieħed jew aktar li jieħdu sehem f'dik l-istess Sħubija ta' Talent. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jippubblika informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 74

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-lista ta' pajjiżi terzi u ta' Stati Membri ***parteċipanti*** li jieħdu sehem fi Sħubija ta' Talent u l-impjiegi rilevanti koperti fiha għandhom jiġu ppubblikati fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	7. Il-lista ta' pajjiżi terzi u ta' Stati Membri li jieħdu sehem fi Sħubija ta' Talent u l-impjiegi rilevanti koperti fiha għandhom jiġu ppubblikati fuq il-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 75

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Parteċipazzjoni tal-impjegaturi fir-Riżerva ta' Talent tal-UE	***Ir-reġistrazzjoni u l-parteċipazzjoni*** tal-impjegaturi fir-Riżerva ta' Talent tal-UE

Or. en

Emenda 76

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-impjegaturi interessati li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jistgħu jitolbu lill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE fl-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti biex jittrasferixxi l-postijiet tax-xogħol vakanti tagħhom għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	***imħassar***

Or. en

Emenda 77

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-impjegaturi li jixtiequ jkunu viżibbli u jpoġġu l-postijiet vakanti tagħhom fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom jirreġistraw profil li jindika isimhom, il-kunjom, id-dettalji ta' kuntatt, is-settur tal-attività, l-estratt mir-reġistru kummerċjali nazzjonali, kontroll tar-rekords kriminali jew kontroll tal-informazzjoni tal-pulizija tal-persuna/i fiżika/fiżiċi responsabbli mill-kumpanija u deskrizzjoni qasira tal-operazzjonijiet tal-impjegatur. Il-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali għandu jitlob lill-impjegaturi

jipparteċipaw f'sessjoni ta' informazzjoni dwar ir-reklutaġġ ġust u l-istandards internazzjonali tax-xogħol. Mal-parteċipazzjoni fis-sessjoni ta' informazzjoni, l-impjegaturi għandhom jiffirmaw wegħda li jaderixxu mal-Prinċipji Ġenerali u l-Linji Gwida Operazzjonali tal-ILO dwar ir-Reklutaġġ Ġust.

Or. en

Emenda 78

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Minbarra t-taħriġ obbligatorju msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-impjegaturi għandu jkollhom il-possibbiltà li jipparteċipaw f'taħriġ addizzjonali dwar ir-reklutaġġ ġust, li, mat-tlestija, għandu jagħmel il-postijiet vakanti tagħhom aktar viżibbli fuq il-pjattaforma tar-Riżerva ta' Talent tal-UE permezz tas-sistema awtomatizzata ta' tqabbil. L-impjegaturi għandhom ukoll jiksbu viżibbiltà ikbar fuq il-pjattaforma meta joffru taħriġ lingwistiku jew żvilupp ta' ħiliet rilevanti oħra waqt ħin ix-xogħol.

Or. en

Emenda 79

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1c. Il-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali għandu jiskrinja l-impjegaturi kollha u l-informazzjoni sottomessa qabel ma

jaċċetta l-profil tagħhom fil-pjattaforma.

Or. en

Emenda 80

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1d. L-impjegaturi rreġistrati fir-Riżerva ta' Talent tal-UE jistgħu jitolbu lill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE fl-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti biex jittrasferixxi l-postijiet tax-xogħol vakanti tagħhom għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Il-postijiet vakanti għandhom mill-inqas jinkludu l-post u t-tip ta' xogħol, it-tul tal-impjieg u s-sigħat tax-xogħol kif ukoll informazzjoni dwar ir-remunerazzjoni. Għandhom jiddikjaraw ukoll b'mod ċar li l-ebda tariffa ta' reklutaġġ jew spejjeż relatati mhuma se jiġu imposti mill-persuna li qed tfittex impjieg.

Or. en

Emenda 81

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom ***jittrasferixxu*** għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE postijiet tax-xogħol vakanti li:	2. Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom ***jgħaddu malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn ħamest ijiem ta' xogħol*** għall-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE postijiet tax-xogħol vakanti li:

Or. en

Emenda 82

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom jikkonformaw mal-liġi u l-prattika nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti biex ***jiżguraw il-protezzjoni*** taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kontra reklutaġġ inġust u kundizzjonijiet tax-xogħol inadegwati, kif ukoll in-nondiskriminazzjoni. L-Istati Membri ***parteċipanti*** jistgħu jintroduċu kundizzjonijiet addizzjonali għall-parteċipazzjoni tal-impjegaturi fir-Riżerva ta' Talent tal-UE biex jiżguraw il-konformità ma' prattiki nazzjonali rilevanti oħrajn***,*** ma' ftehimiet kollettivi ***u mal-prinċipji u l-linji gwida stabbiliti mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol***, f'konformità ***mad-dritt*** tal-Unjoni.	L-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom jikkonformaw mal-liġi u l-prattika nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti ***kif ukoll mal-Prinċipji Ġenerali tal-ILO u mal-Linji Gwida Operazzjonali dwar ir-Reklutaġġ Ġust*** biex ***jiżguraw id-dritt għall-libertà ta' assoċjazzjoni u ta' negozjar kollettiv*** taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi***, il-protezzjoni tagħhom*** kontra reklutaġġ inġust u kundizzjonijiet tax-xogħol inadegwati, ***inkluża l-prevenzjoni u l-eliminazzjoni ta' xogħol furzat u ta' tħaddim tat-tfal,*** kif ukoll in-nondiskriminazzjoni ***fir-rigward tal-impjiegi u tal-okkupazzjonijiet***. L-Istati Membri jistgħu jintroduċu kundizzjonijiet addizzjonali għall-parteċipazzjoni tal-impjegaturi fir-Riżerva ta' Talent tal-UE biex jiżguraw il-konformità ma' prattiki nazzjonali rilevanti oħrajn ***u*** ma' ftehimiet kollettivi, f'konformità ***mal-liġi*** tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 83

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE ma għandhomx jitolbu ***tariffi*** lill-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi għall-fini tar-reklutaġġ.	L-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE ma għandhomx jitolbu ***ebda tariffa jew kost relatat*** lill-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi għall-fini tar-reklutaġġ***, la qabel u lanqas wara li l-proċess tar-reklutaġġ ikun intemm***.

Or. en

Emenda 84

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom jindikaw, mingħajr dewmien żejjed, fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE li jkunu temmew b'suċċess ir-reklutaġġ tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi għall-post tax-xogħol vakanti partikolari. Il-profili ta' dawk il-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg u l-postijiet tax-xogħol vakanti li ġew issodisfati għandhom awtomatikament ma jibqgħux viżibbli fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	5. L-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandhom jindikaw lill-Punt Nazzjonali ta' Kuntatt, mingħajr dewmien żejjed, li jkunu temmew b'suċċess ir-reklutaġġ tal-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi għall-post tax-xogħol vakanti partikolari. ***Qabel il-bidu tal-kuntratt tal-impjieg, l-impjegatur għandu jipprovdi lill-persuna li qed tfittex impjieg bl-informazzjoni kollha meħtieġa b'mod ċar u komprensiv f'konformità mad-Direttiva (UE) 2019/1152.*** Il-postijiet tax-xogħol vakanti li jkunu mtlew għandhom awtomatikament ma jibqgħux viżibbli fil-pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Fuq il-profil tal-persuna rreġistrata li qed tfittex impjieg għandu jiġi indikat li l-persuna biħsiebha tibda l-impjieg.

Or. en

Emenda 85

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għal-liġi u l-prattika rilevanti fl-Istati Membri parteċipanti għandhom jinformaw minnufih lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE dwar kwalunkwe ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġi u l-prattika rilevanti stabbiliti fil-paragrafu 3 għall-finijiet tal-	6. L-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għal-liġi u l-prattika rilevanti fl-Istati Membri għandhom jinformaw minnufih lill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE dwar kwalunkwe ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġi u l-prattika rilevanti stabbiliti fil-paragrafu 3 għall-finijiet tal-Artikolu 10(2),

Artikolu 10(2)(e).	il-punt (e).

Or. en

Emenda 86

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. L-għodda awtomatizzata ta' tqabbil għandu jkollha salvagwardji integrati kontra d-diskriminazzjoni għar-raġunijiet elenkati fl-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

Or. en

Emenda 87

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri parteċipanti għandhom jagħmlu l-informazzjoni dwar ir-Riżerva ta' Talent tal-UE u l-funzjonament tagħha faċilment aċċessibbli.	***imħassar***

Or. en

Emenda 88

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, bl-appoġġ tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, għandu jagħmel disponibbli, ***fuq il-pjattaforma tal-***	Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, bl-appoġġ tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, għandu jagħmel ***l-informazzjoni li ġejja għal kull***

IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, l-informazzjoni li ġejja:	***Stat Membru*** disponibbli ***għall-pubbliku b'xejn u b'mod ċar***, ***komprensiv, faċli għall-utent u faċilment aċċessibbli, inkluż għall-persuni b'diżabbiltà f'konformità mad-Direttiva 2016/2102 u l-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882***:

Or. en

Emenda 89

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***informazzjoni dwar il-proċeduri*** ta' reklutaġġ u ta' ***immigrazzjoni,*** ir-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-validazzjoni tal-ħiliet***, id-drittijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, inkluż fir-rigward tal-mekkaniżmi ta' rimedju disponibbli, kif ukoll informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol fl-Istati Membri parteċipanti***;	(a) ***proċeduri*** ta' reklutaġġ u ta' ***impjieg inkluż*** ir-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-validazzjoni tal-ħiliet;

Or. en

Emenda 90

Proposta għal regolament
Artikoku 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) proċeduri tal-immigrazzjoni inklużi proċeduri biex jinkisbu viżi u permessi ta' residenza għal skopijiet ta' xogħol;

Or. en

Emenda 91

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ab) id-drittijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, inkluż fir-rigward tal-aċċess disponibbli għall-ġustizzja u l-mekkaniżmi ta' rimedju u d-dettalji ta' kuntatt tal-organizzazzjonijiet li joffru assistenza wara r-reklutaġġ, fejn applikabbli;

Or. en

Emenda 92

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt ac (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ac) informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol fl-Istati Membri;

Or. en

Emenda 93

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) spjegazzjoni ċara lill-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jekk ikunu soġġetti għal deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva li tirrifjuta d-dħul jew is-soġġorn fi Stat Membru jew projbizzjoni fuq id-dħul f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-dħul u s-soġġorn tagħhom fit-territorju tal-Istati Membri kollha għandhom ikunu pprojbiti.	(b) ***kundizzjonijiet u proċeduri għall-parteċipazzjoni fir-Riżerva ta' Talent tal-UE, inkluża*** spjegazzjoni ċara lill-persuni li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jekk ikunu soġġetti għal deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva li tirrifjuta d-dħul jew is-soġġorn fi Stat Membru jew projbizzjoni fuq id-dħul f'konformità mad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-dħul u s-soġġorn

tagħhom fit-territorju tal-Istati Membri kollha għandhom ikunu pprojbiti***, kif ukoll tal-informazzjoni dwar id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 11(2)***.

Or. en

Emenda 94

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali huma responsabbli għall-aġġornament tal-informazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu meta jkun meħtieġ.

Or. en

Emenda 95

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), għandha tkun ibbażata fuq il-Prinċipji Ġenerali u l-Linji Gwida Operazzjonali tal-ILO dwar ir-Reklutaġġ Ġust.

Or. en

Emenda 96

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Fuq talba mill-persuni rreġistrati***	2. ***Il-persuni*** li qed ifittxu impjieg ***li***

li qed ifittxu impjieg ***minn pajjiżi terzi u mill-impjegaturi li jipparteċipaw*** fir-Riżerva ta' Talent tal-UE, ***il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE*** għandhom ***jipprovdu appoġġ*** addizzjonali***, u assistenza ta' wara l-għażla, lill-persuni rreġistrati*** li ***qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi u lill-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva*** ta' ***Talent tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward ta'***:	***jkunu ntgħażlu għal post tax-xogħol vakanti*** fir-Riżerva ta' Talent tal-UE, għandhom ***jirċievu l-informazzjoni*** addizzjonali li ***ġejja mill-Punt*** ta' ***Kuntatt Nazzjonali rilevanti***:
	Or. en

Emenda 97

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***informazzjoni speċifika*** dwar il-proċeduri nazzjonali ta' immigrazzjoni biex jinkisbu viżi u permessi ta' residenza għal finijiet ta' xogħol ***wara l-proċess tal-għażla***;	(a) ***appoġġ komplementari għall-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a),*** dwar il-proċeduri nazzjonali ta' immigrazzjoni biex jinkisbu viżi u permessi ta' residenza għal finijiet ta' xogħol ***fl-Istat Membru inkwistjoni***;
	Or. en

Emenda 98

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) fejn disponibbli, id-dettalji ta' kuntatt tal-organizzazzjonijiet li joffru assistenza ta' wara r-reklutaġġ għal ċittadini ta' pajjiżi terzi.	(e) fejn disponibbli, id-dettalji ta' kuntatt tal-organizzazzjonijiet li joffru assistenza ta' wara r-reklutaġġ għal ċittadini ta' pajjiżi terzi***, bħall-programmi ta' tranżizzjoni***.
	Or. en

Emenda 99

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Għall-finijiet tal-punti (c) u (d), l-informazzjoni tista' tiġi pprovduta f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali u, fejn applikabbli, mal-organizzazzjonijiet li joffru assistenza ta' wara r-reklutaġġ għal ċittadini ta' pajjiżi terzi.

Or. en

Emenda 100

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE f'kooperazzjoni mal-Grupp ta' Tmexxija, għandu jagħmel ukoll sforzi ta' informazzjoni mmirata u kampanji ta' sensibilizzazzjoni għall-impjegaturi, b'mod partikolari l-SMEs, biex itejjeb lill-pubbliku jifhem ir-Riżerva ta' Talent u għalxiex tintuża. Dawn il-kampanji ta' sensibilizzazzjoni għandhom jinkludu informazzjoni dwar standards ta' reklutaġġ ġusti f'konformità mal-Prinċipji Ġenerali tal-ILO u l-Linji Gwida Operazzjonali dwar ir-Reklutaġġ Ġust.

Or. en

Emenda 101

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragraph 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri ***parteċipanti*** għandhom jiżguraw li jkun hemm mekkaniżmi effettivi li permezz tagħhom il-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jistgħu jippreżentaw ilmenti f'każ ta' ksur mill-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE tal-obbligi u l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 13(3).	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm mekkaniżmi ***ta' lmentar*** effettivi ***u affordabbli jew proċeduri ta' lmentar oħra f'konformità mal-liġi u l-prattiki nazzjonali*** li permezz tagħhom il-persuni rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi jistgħu jippreżentaw ilmenti f'każ ta' ksur mill-impjegaturi li jipparteċipaw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE tal-obbligi u l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 13(3) ***jew dispożizzjonijiet rilevanti oħra fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Il-mekkaniżmu ta' lmentar għandu jkun sensittiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru u jiżgura li l-persuni li qed ifittxu impjieg li jressqu lment ikunu protetti minn kwalunkwe ritaljazzjoni.***

Or. en

Emenda 102

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***L-Istati Membri parteċipanti*** għandhom jagħmlu l-informazzjoni dwar il-mekkaniżmi ta' rimedju disponibbli faċilment aċċessibbli.	2. ***Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tal-UE*** għandhom jagħmlu l-informazzjoni dwar il-mekkaniżmi ta' rimedju disponibbli faċilment aċċessibbli ***permezz tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, inkluż għall-persuni b'diżabbiltà f'konformità mad-Direttiva 2016/2102 dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi u tal-applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku. Din l-informazzjoni għandha tinkludi dettalji ta' kuntatt lill-awtoritajiet responsabbli u informazzjoni dwar l-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema rilevanti f'konformità mal-liġi nazzjonali, kif ukoll dettalji ta' kuntatt ma' organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw ċittadini ta' pajjiżi terzi.***

Or. en

Emenda 103

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***L-Istati Membri parteċipanti jistgħu jiddeċiedu*** li jistabbilixxu proċeduri ***tal-immigrazzjoni*** aċċellerati ***biex jippermettu reklutaġġ aktar mgħaġġel tal-persuni*** rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jkunu ***ntgħażlu*** għal ***post tax-xogħol vakanti fir-Riżerva*** ta' ***Talent tal-UE***.	1. ***Sabiex ikun jista' jsir reklutaġġ aktar mgħaġġel ta' persuni rreġistrati*** li ***qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi, l-Istati Membri għandhom*** jistabbilixxu proċeduri aċċellerati ***ta' immigrazzjoni għall-okkupazzjonijiet b'nuqqas ta' ħaddiema elenkati fil-lista nazzjonali tagħhom kif ukoll għal persuni*** rreġistrati li qed ifittxu impjieg minn pajjiżi terzi li jkunu ***kisbu "pass tas-Sħubija ta' Talent tal-UE" fi sħubija li fiha jkun ipparteċipa l-Istat Membru. L-informazzjoni dwar dawn il-proċeduri aċċellerati għandha tiġi kkomunikata kif xieraq u ssir disponibbli kemm għall-impjegaturi kif ukoll għal dawk li qed ifittxu impjieg fi stadju bikri tal-proċess ta' reklutaġġ.***

Or. en

Emenda 104

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-proċedura msemmija fil-paragrafu 1 ***tista'*** tkopri:	2. Il-proċedura msemmija fil-paragrafu 1 ***għandha*** tkopri:

Or. en

Emenda 105

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Minbarra l-proċeduri msemmija fil-paragrafi (1) u (2), l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu proċeduri aċċellerati ta' immigrazzjoni għal persuni individwali li qed ifittxu impjieg li qabel kienu ammessi għal impjieg permezz tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Or. en

Emenda 106

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-prestazzjoni tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandha tiġi mmonitorjata regolarment mis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE f'konformità mal-punt (e) tal-Artikolu 8(2). B'mod partikolari, għandha tinġabar data dwar:	1. Il-prestazzjoni tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandha tiġi mmonitorjata regolarment mis-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE f'konformità mal-punt (e) tal-Artikolu 8(2). B'mod partikolari, għandha tinġabar data ***diżaggregata skont il-ġeneru*** dwar:

Or. en

Emenda 107

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) L-għadd ta' applikazzjonijiet irrifjutati għar-reġistrazzjoni fil-Pjattaforma tal-IT tar-Riżerva ta' Talent tal-UE, kif stabbilit fl-Artikolu 11.

Or. en

Emenda 108

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jiġbor id-data msemmija fil-paragrafu 1 bl-appoġġ tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.	3. Is-Segretarjat tar-Riżerva ta' Talent tal-UE għandu jiġbor id-data msemmija fil-paragrafu 1 bl-appoġġ tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tar-Riżerva ta' Talent tal-UE u tal-Grupp ta' Tmexxija tar-Riżerva ta' Talent tal-UE ***u f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali u l-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili, partikolarment dawk li jaħdmu ma' ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-persuni b'diżabbiltà***.

Or. en

Emenda 109

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri ***parteċipanti*** f'konformità mat-Trattati.	2. Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Or. en

NOTA SPJEGATTIVA

L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha jiffaċċjaw nuqqas ta' ħaddiema f'firxa wiesgħa ta' setturi, mill-kostruzzjoni u l-kura tas-saħħa sal-inġinerija u t-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni. In-nuqqas ta' ħaddiema aktarx li jaggrava fis-snin li ġejjin minħabba x-xejriet demografiċi, u fl-istess ħin, l-Ewropa qed tikkompeti globalment għat-talent ma' kontinenti oħra u ma' pajjiżi individwali. In-nuqqas ta' tlaqqigħ tal-ħiliet fis-suq tax-xogħol Ewropew qed jikkawża wkoll telf ekonomiku sa 2 % tal-produttività annwali. Fl-istess ħin, huma meħtieġa aktar perkorsi legali għall-prevenzjoni tal-migrazzjoni irregolari. Peress li l-migrazzjoni hija fenomenu naturali li se jkompli jeżisti fost l-oħrajn minħabba t-tibdil fil-klima u l-iżviluppi internazzjonali, huwa kruċjali li jiġi stabbilit approċċ Ewropew komuni għall-migrazzjoni legali tal-ħaddiema.

Għalhekk huwa evidenti li l-Ewropa, sabiex iżżomm il-kompetittività tagħha u trawwem it-tkabbir ekonomiku, jeħtiġilha tibqa' miftuħa għad-dinja. L-Ewropa jeħtieġ li tattira t-tipi kollha ta' livelli ta' ħiliet li huma meħtieġa direttament u indirettament għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, għall-kwalità kontinwa tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali tagħna u għall-prosperità tal-kontinent tagħna. Fl-istess ħin, peress li l-Ewropa ma teżistix f'vakwu, huwa ċar ukoll li sħubijiet b'saħħithom u sostenibbli ma' pajjiżi terzi huma essenzjali. Is-Sħubijiet tat-Talenti jistgħu jgħinu biex jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-ħiliet u kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin f'pajjiżi terzi, filwaqt li jippromwovu l-migrazzjoni ċirkolari bħala mezz biex jiġi evitat l-eżodu ta' mħuħ.

Madankollu, biex it-tqabbil attwali bejn l-impjegaturi u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jsir b'mod aktar effiċjenti, qed tiġi stabbilita r-Riżerva ta' Talent tal-UE. Din hija proposta milqugħa u ntalbet mill-Parlament Ewropew f'diversi rapporti leġiżlattivi. Ir-Riżerva ta' Talent tal-UE se tkun l-ewwel pjattaforma għall-UE kollha li tiffaċilita t-tqabbil bejn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-impjegaturi stabbiliti fl-Unjoni. Se tispira ruħha mill-EURES, il-pjattaforma eżistenti fejn iċ-ċittadini u l-impjegaturi tal-UE jistgħu jaqblu, iżda se jmur ukoll lil hinn minnha. Se tikkomplementa l-miżuri u l-inizjattivi eżistenti u b'hekk ma tinterferixxix mal-kompetenza tal-Istati Membri individwali, pereżempju fir-rigward tad-dritt li jiġu ddeterminati l-volumi ta' ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jiġu biex jaħdmu.

B'kuntrast mal-proposta tal-Kummissjoni Ewropea, l-abbozz ta' rapport jipprevedi li l-Istati Membri kollha jimplimentaw ir-Riżerva ta' Talent tal-UE. Peress li n-nuqqas ta' ħaddiema huwa problema fl-Unjoni kollha u r-Riżerva ta' Talent tal-UE għandha l-għan li tkun pjattaforma komuni biex tgħaqqad liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u lill-impjegaturi Ewropej, jenħtieġ li teżisti fl-Istati Membri kollha biex jittejbu l-prevedibbiltà, it-trasparenza u ċ-ċertezza tad-dritt għal kull min jużaha. Xorta se tibqa' volontarja għall-impjegaturi u għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jgħaddu għar-Riżerva ta' Talent tal-UE meta jfittxu opportunitajiet, iżda implimentazzjoni Ewropea komuni se tiffaċilita l-aċċess għall-pjattaforma. Se tikkontribwixxi wkoll għas-soluzzjoni ta' waħda mill-isfidi ewlenin tal-politiki dwar il-migrazzjoni tal-ħaddiema fl-Ewropa llum: il-frammentazzjoni.

L-abbozz ta' rapport ikompli jibni fuq il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea billi jsaħħaħ iż-żewġ elementi kostitwenti ewlenin tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. L-ewwel nett, issaħħaħ il-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni u r-reklutaġġ inġust ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi billi tallinja r-Riżerva ta' Talent tal-UE aktar mill-qrib mal-Prinċipji Ġenerali u l-Linji Gwida Operazzjonali dwar ir-Reklutaġġ Ġust żviluppati mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-

Xogħol (ILO). B'dan il-mod, għandha l-għan ukoll li timla lakuna fil-qafas leġiżlattiv Ewropew fejn s'issa ma jeżistu l-ebda regoli komuni dwar il-proċeduri ta' reklutaġġ. It-tieni, dan isaħħaħ ir-rabta tar-Riżerva ta' Talent tal-UE mal-iżvilupp tas-suq tax-xogħol u b'hekk il-ħtiġijiet reali tal-impjegaturi Ewropej, billi jinvolvi lis-sħab soċjali u lil partijiet ikkonċernati oħra b'mod aktar ċar fil-governanza tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Għal dawn iż-żewġ elementi kostitwenti, l-informazzjoni hija kruċjali. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet dwar is-servizzi ta' informazzjoni u appoġġ ġew iċċarati u msaħħa. L-abbozz ta' rapport jiddistingwi bejn liema informazzjoni għandha tkun disponibbli għall-pubbliku għaċ-ċittadini (prospettivi) kollha ta' pajjiżi terzi u għal min iħaddem, u liema informazzjoni għandha tingħata lil ċittadin ta' pajjiż terz wara li jkun tqabbel ma' impjegatur. Minbarra l-informazzjoni, l-aċċessibbiltà hija kruċjali biex jiġi żgurat aċċess ugwali għall-pjattaforma għall-utenti kollha. L-abbozz ta' rapport jintroduċi rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għar-Riżerva ta' Talent tal-UE kollha, inkluża l-informazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data kif ukoll l-informazzjoni pprovduta fuq il-pjattaforma attwali.

L-abbozz ta' rapport jintroduċi wkoll kundizzjonijiet proporzjonali għall-parteċipazzjoni fir-Riżerva ta' Talent tal-UE. L-impjegaturi għandhom jipprovdu informazzjoni li tista' tiġi vverifikata mill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali qabel ma jitħallew jippubblikaw postijiet tax-xogħol vakanti fuq il-pjattaforma. Din l-informazzjoni tinkludi pereżempju kontroll tar-rekords kriminali tal-persuna/i fiżika/fiżiċi responsabbli mill-kumpanija, biex jiġi evitat li l-impjegaturi abbużivi jerġgħu jidhru fuq il-pjattaforma. L-abbozz ta' rapport jintroduċi dispożizzjonijiet li permezz tagħhom impjegatur jista' jiġi sospiż temporanjament fil-każ ta' mġiba ħażina purament amministrattiva, iżda wkoll sospiż indefinittivament f'każ ta' ksur kontra l-leġiżlazzjoni applikabbli kontra t-traffikar u sanzjonijiet kontra min iħaddem lil ċittadini minn pajjiżi terzi b'residenza illegali.

Fl-istess ħin, l-abbozz ta' rapport iżomm ċerti dispożizzjonijiet ta' proporzjonalità għal ċittadini ta' pajjiżi terzi, fejn persuna soġġetta għal deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva li tirrifjuta d-dħul jew is-soġġorn fi Stat Membru jew projbizzjoni fuq id-dħul fl-Unjoni ma titħalliex tirreġistra minħabba li għalissa mhux ser jitħallew jidħlu u jibqgħu fl-Unjoni. Madankollu, din id-dispożizzjoni hija bbilanċjata billi tippermetti liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jippreżentaw talba ġdida għar-reġistrazzjoni wara l-iskadenza tal-projbizzjoni fuq id-dħul tagħhom, filwaqt li jiġi ssalvagwardjat li l-persuni kkundannati għal reati li jikkostitwixxu jew li jinvolvu theddida għas-sigurtà nazzjonali ta' Stat Membru qatt ma jkunu jistgħu jirreġistraw fir-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Fl-aħħar nett, peress li r-Riżerva ta' Talent tal-UE se tibni fuq sistemi awtomatizzati ta' tqabbil permessi mill-IA biex jinstabu l-aktar ħiliet xierqa għal post tax-xogħol vakanti partikolari, huwa importanti li jiġu żgurati salvagwardji kontra l-preġudizzji għal raġunijiet diskriminatorji.

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li rċieva kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-abbozz ta' rapport:

Entità u/jew persuna
Adecco Group
BusinessEurope
Confederation of Swedish Enterprises
European Commission
European Network of Migrant Women
European Trade Union Confederation
HOTREC
International Labour Organisation
International Organisation of Migration
Platform for International Cooperation on Undocumented Migrants (PICUM)
Swedish Trade Union Confederation

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.